# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2012/10/UE

**tat-22 ta' Marzu 2012**

**li temenda d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista ta' prodotti relatati mad-difiża**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-issimplifikar tat-termini u l-kundizzjonijiet tat-trasferimenti ta' prodotti relatati mad-difiża fil-Komunità ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2009/43/KE tkopri l-prodotti kollha marbuta mad-difiża li jikkorrispondu ma' dawk elenkati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea, adottata mill-Kunsill fid-19 ta' Marzu 2007.

(2) Fil-21 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta Lista Militari Komuni Aġġornata tal-Unjoni Ewropea ([2]).

(3) Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/43/KE għandha tkun emendata kif xieraq.

(4) Għal raġunijiet ta' koerenza, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet neċessarji biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mill-istess ġurnata bħal dawk id-dispożizzjonijiet neċessarji biex ikunu konformi mad-Direttiva 2009/43/KE.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Drettiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Trasferimenti fl-UE ta' prodotti marbuta mad-Difiża,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Direttiva 2009/43/KE huwa mibdul bit-test stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-24 ta' Ġunju 2012, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mit-30 ta' Ġunju 2012.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 146, 10.6.2009, p. 1.
([2]) ĠU C 86, 18.3.2011, p. 1.

*ANNESS*

L-Anness mad-Direttiva 2009/43/KE jitbiddel b'li ġej:

*"ANNESS*

**LISTA TA' PRODOTTI RELATATI MAD-DIFIŻA**

*Nota 1:* *Termini fil-'virgoletti' huma termini definiti. Irreferi għad-'Definizzjonijiet tat-Termini użati f'dawn il-listi' annessi ma' din il-Lista.*

*Nota 2:* *F'xi każijiet il-kimiki huma elenkati bl-isem u n-numru CAS. Il-lista tapplika għal kimiki tal-istess formula strutturali (inklużi l-idrati) irrispettivament mill-isem jew min-numru CAS. In-numri CAS huma pprovduti sabiex jassistu fl-identifikazzjoni ta' kimika jew taħlita partikolari, irrispettivament min-nomenklatura. In-numri CAS ma jistgħux jintużaw bħala identifikaturi uniċi minħabba li xi forom tal-kimika elenkata għandhom numri CAS differenti, u taħlitiet li jkollhom kimika elenkata jista' jkollhom ukoll numri CAS differenti.*

ML1 **Armi biċ-ċilindru lixx ta' kalibru inqas minn 20 mm, armi oħrajn u armi awtomatiċi ta' kalibru ta' 12,7 mm (kalibru ta' 0,50 pulzier) jew inqas u aċċessorji, kif ġej, u komponenti ddisinjati apposta għalihom:**

a. Rajfils, karabini, rivolvers, pistoli, pistoli li jaħdmu bħal maxin gans u maxin gans;

<u>Nota</u> *ML1.a. ma japplikax għal dan li ġej:*

*a. Azzarini, rajfils u karabini manifatturati qabel l-1938;*

*b. Riproduzzjonijiet ta' azzarini, rajfils u karabini li l-oriġinali tagħhom kienu manifatturati qabel l-1890;*

*c. Rivolvers, pistoli u maxin gans manifatturati qabel l-1890, u r-riproduzzjonijiet tagħhom;*

b. Armi b'kanna lixxa, kif ġej:

1. Armi b'kanna lixxa mfassla apposta għall-użu militari;

2. Armi b'kanna lixxa oħrajn kif ġej:

   a. Armi tat-tip awtomatiku;

   b. Armi tat-tip semi-awtomatiku jew b'azzjoni-pompa;

c. Armi li jużaw munizzjon bla qoxra (caseless ammunition);

d. Silenzjaturi, muntaturi speċjali tal-ixkubetti, klips, weapons sights u suppressuri tal-flaxx għal armamenti speċifikati minn ML1.a., ML1.b. or ML1.c.

<u>Nota 1</u> *ML1 ma japplikax għal armi b'kanna lixxa użati għal finijiet ta' kaċċa jew sports. Dawn l-armi ma jridux ikunu mfassla apposta għall-użu militari jew tat-tip ta' sparar kompletament awtomatiku.*

<u>Nota 2</u> *ML1 ma japplikax għal armamenti tan-nar maħsuba apposta għal munizzjon inerti ta' istruzzjoni u li mhumiex kapaċi jisparaw kwalunkwe munizzjon speċifikat minn ML3.*

<u>Nota 3</u> *ML1 ma japplikax għal armi li jużaw munizzjon tan-nar fil-qoxra mhux taċ-ċentru u li mhumiex tat-tip ta' sparar kompletament awtomatiku.*

<u>Nota 4</u> *ML1.d. ma japplikax għal weapon sights ottiċi mingħajr ipproċessar tal-immaġni elettroniku, b'manjetizzazzjoni ta' 4 darbiet jew inqas, dment li mhumiex maħsuba jew modifikati apposta għall-użu militari.*

ML2 **Armi b'kanna lixxa b'kalibru ta' inqas minn 20 mm jew aktar, armi jew armament oħra b'kalibru akbar minn 12,7 mm (0,50 pulzier), projetturi u aċċessorji, kif ġej, u komponenti maħsuba apposta għalihom:**

a. Xkubetti, ħowitzers, kanuni, murtali, armi anti-tank, lanċaturi projettili, teffieħa militari tal-fjamma, rajfils, rajfils mingħajr recoil, armi b'kanna lixxa u apparati għat-tnaqqis tal-vampa għalihom;

<u>Nota 1</u> *ML2.a. jinkludi injetturi, apparati tal-metering, tankijiet tal-ħażna u komponenti oħra maħsuba apposta għall-użu b'ċarġis likwidi tal-imbuttar 'il quddiem għal kwalunkwe mit-tagħmir speċifikat minn ML2.a.*

<u>Nota 2</u> *ML2.a. ma japplikax għal armi kif ġej:*

1. *Azzarini, rajfils u karabini manifatturati qabel l-1938;*

2. *Riproduzzjonijiet ta' azzarini, rajfils u karabini li l-oriġinali tagħhom kienu manifatturati qabel l-1890.*

<u>Nota 3</u> *ML2.a. ma japplikax għal lanċaturi ta' projettili speċjalment mibnija biex jitfgħu projettili marbuta mingħajr karga qawwija jew kollegament ta' komunikazzjoni, fuq distanza ta' inqas minn jew ekwivalenti għal 500 m.*

b. Duħħan, gass u projetturi jew ġeneraturi pirotekniċi, imfassla jew immodifikati apposta għall-użu militari;

<u>Nota</u> *ML2.b. ma japplikax għal pistoli tas-sinjal.*

c. Apparat ta' mira u muntaturi għall-apparat ta' mira, li għandhom dan kollu li ġej:

1. Imfassla apposta għall-użu militari; u

2. Imfassla apposta għal armi speċifikati fi ML2.a.;

d. Muntaturi mfassla apposta għall-armi speċifikati fi ML2.a

ML3 **Munizzjon u apparati tal-issettjar tal-fjus, kif ġej, u komponenti maħsuba apposta għalihom:**

a. Munizzjon għall-armi speċifikati minn ML1, ML2 jew ML12;

b. Apparati tal-issettjar tal-fjus maħsuba apposta għal munizzjon speċifikati minn ML3.a.

<u>Nota 1</u> *Komponenti maħsuba apposta speċifikati minn ML3 jinkludu:*

a. *Fabbrikazzjonijiet tal-metall jew tal-plastik bħal inkwini tal-kapsa, cups tal-bullits, links tal-kartriġis, bands li jduru u partijiet tal-metall tal-munizzjoni;*

b. *Apparati tas-safing u l-armar, fużijiet, sensuri u appart ta' inizjazzjoni;*

c. *Provvisti tal-enerġija b'output operattiv ta' darba waħda għoli;*

d. *Każijiet kombustibbli għaċ-ċarġis;*

e. *Submunizzjonijiet inklużi bomblets, minelets u proġetturi ggwidati terminalment.*

<u>Nota 2</u> *ML3.a. ma japplikax għal munizzjon mitnija mingħajr projettur (blankstar) munizzjon inerti ta' istruzzjoni b'pierced powder chamber.*

ML3 b. (*ikompli*)

<u>*Nota 3*</u> *ML3.a ma japplikax għal kartriġis maħsuba apposta għal kwalunkwe wieħed mill-finijiet li ġejjin:*

*a. Sinjalar;*

*b. Tbeżżiegħ tal-għasafar; e.* <u>*jew*</u>

*c. Xegħil ta' fjakkoli tal-gass fil-ġibjuni taż-żejt.*

ML4 **Bombi, torpidows, rokits, missili, apparati u ċarġis splussivi oħra u tagħmir u aċċessorji relatati, kif ġej, u komponenti maħsuba apposta għalihom:**

<u>*N.B.1:*</u> *Għal tagħmir ta' gwida u ta' nagivazzjoni, ara ML11.*

<u>*N.B.2:*</u> *Għal Sistemi ta' Protezzjoni tal-Missili tal-Ajruplani (AMPS), ara ML4.c.*

a. Bombi, torpidows, granati, kanisters tad-duħħan, rokits, mini, missili, ċarġis tal-fond, ċarġis tad-dimolizzjoni, apparati tad-dimolizzjoni, kits tad-dimolizzjoni, apparati "pirotekniċi", kartriġis u simulaturi (jiġifieri, tagħmir li jimita l-karatteristiċi ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-oġġetti), maħsub apposta għal użu militari;

<u>*Nota*</u> *ML4.a. jinkludi:*

*a. Granati tad-duħħan, bombi tan-nar, bombi li jagħtu n-nar, u mezzi splussivi;*

*b. Żnienen tar-rokits tal-missili u l-ponot tal-vetturi ta' rġigħ lura fl-atmosfera.*

b. Tagħmir li għandu dan kollu li ġej:

1. Imfassla apposta għall-użu militari; <u>u</u>

2. Imfassla apposta għal "attivitajiet" relatati ma' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

a. Oġġetti speċifikati minn ML4.a; jew

b. Strumenti Splussivi Improvizzati (IEDs).

<u>*Nota teknika:*</u>

*Għall-iskop ta' ML4.b.2. "attivitajiet" japplikaw għall-ġestjoni, it-tnedija, il-pożizzjonament, il-kontroll, id-diżinneskament, id-detonazzjoni, l-attivazzjoni, il-motorizzazzjoni b'output operattiv ta' darba waħda, l-ingann, l-imblukkar, il-ġbid, is-sejbien, it-tfixkil jew l-użu.*

<u>*Nota 1*</u> *ML4.b. jinkludi:*

*a. Apparat mobbli għal-likwifikazzjoni tal-gass, li kapaċi jipproduċi 1 000 kg jew aktar kuljum ta' gass fforma likwida;*

*b. Kejbil konduttur tal-elettriku li jżomm f'wiċċ l-ilma, adattat għad-dragar tal-mini manjetiċi.*

<u>*Nota 2*</u> *ML4.b. ma japplikax għal apparti li jinżammu fl-idejn, illimitati mid-disinn unikament għad-detezzjoni ta' oġġetti tal-metall u li mhumiex kapaċi jiddisingwu bejn mini u oġġetti tal-metall oħrajn.*

c. Sistemi ta' Protezzjoni tal-Missili tal-Ajruplani (AMPS).

<u>*Nota*</u> *ML4.c. ma japplikax għal AMPS li għandhom dan kollu li ġej:*

*a. Kwalunkwe wieħed mis-sensuri tal-avviż tal-missili:*

*1. Sensuri passivi li jkollhom bl-ogħla rispons bejn 100-400 nm;* <u>*jew*</u>

*2. Sensuri tal-avviż tal-missili Doppler bl-impuls attivi;*

ML4 c. Nota (*ikompli*)

*b. Sistemi li joħorġu l-kontromiżuri;*

*c. Flares, li juru kemm firma viżibbli kif ukoll firma infrared, biex jipprovokaw missili mill-wiċċ għas-sema; u*

*d. Installat fuq 'ajruplan ċivili' u li għandu dan kollu li ġej:*

*1. L-AMPS huma operabbli biss f'ajruplan ċivili' speċifiku li fih ikunu installati l-AMPS speċifiċi u li għalih inħareġ kwalunkwe minn dawn li ġejjin:*

*a. Ċertifikat tat-Tip ċivili; jew*

*b. Dokument ekwivalenti rikonoxxut mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO);*

*2. L-AMPS jużaw protezzjoni biex jipprevjenu aċċess mhux awtorizzat għal 'software'; u*

*3. L-AMPS jinkorporaw mekkaniżmu attiv li jġiegħel lis-sistema ma tiffunzjonax meta hu jitneħħa mill-'ajruplan ċivili' li fih ikun ġie installat.*

ML5 **Il-kontroll tan-nar, u tagħmir ta' allert u avviż relatat, u sistemi relatati, tagħmir ta' ittestjar u allinjament u kontramiżura, kif ġej, maħsub apposta għall-użu militari, u komponenti u aċċessorji maħsuba apposta għalihom:**

a. Apparat ta' mira, kompjuters għall-ibbumbardjar, tagħmir ta' puntament u sistemi għall-kontroll tal-armi;

b. Sistemi ta' akkwist, desinjazzjoni, telemetrija, sorveljanza jew insegwiment tal-bersall; tagħmir ta' kxif, ta' fużjoni tad-data, ta' rikonoxximent jew ta' identifikazzjoni; u tagħmir għall-integrazzjoni tas-sensur;

c. Tagħmir ta' kontramiżura għall-oġġetti speċifikati minn ML5.a. jew ML5.b.;

Nota *Għall-għanijiet ta' ML5.c., it-tagħmir ta' kontromiżura jinkludi t-tagħmir għall-iżvelar.*

d. Tagħmir ta' test fuq il-post jew ta' allinjament, maħsub apposta għall-oġġetti speċifikati minn ML5.a., ML5.b. jew ML5.c.

ML6 **Vetturi tal-art u komponenti, kif ġej:**

N.B *Għal tagħmir ta' gwida u ta' nagivazzjoni, ara ML11.*

a. Vetturi tal-art u l-komponenti tagħhom, imfassla jew modifikati apposta għall-użu militari;

*Nota Teknika*

*Għall-finijiet ta' ML6.a. it-terminu vetturi tal-art jinkludi t-trejlers.*

b. Vetturi tal-art oħrajn u komponenti, kif ġej:

1. Il-vetturi kollha bil-wheel drive li tajbin għal użu off-road li ġew manifatturati jew mgħammra b'materjali jew komponenti sabiex jipprovdu protezzjoni ballistika sal-livell III (NIJ 0108.01, Settembru 1985, jew standard nazzjonali komparabbli) jew aħjar;

2. Komponenti li għandhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

a. Imfassla apposta għal vetturi speċifikati fi ML6.b.1.; u

b. Li jipprovdu protezzjoni ballistika sal-livell III (NIJ 0108.01, Settembru 1985, jew standard nazzjonali komparabbli) jew aħjar.

ML6 *(ikompli)*

*N.B Ara wkoll ML13.a*

*Nota 1 ML6.a. jinkludi:*

*a. Tankijiet u vetturi armati militari oħra u vetturi militari mgħammra b'muntaturi għall-armamenti jew it-tagħmir għat-tqegħid ta' mini jew it-tnedija ta' munizzjon speċifikati minn ML4;*

*b. Vetturi blindati;*

*c. Vetturi amfibi u vetturi tajbin għal ġo l-ilma;*

*d. Vetturi tal-irkupru jew vetturi għall-irmunkar jew għat-trasportazzjoni ta' munizzjon jew sistemi ta' armi u tagħmir assoċjat ta' maniġġar tat-tagħbija.*

*Nota 2 Modifika ta' vettura tal-art għall-użu militari speċifikat minn ML6.a. teħtieġ bidla strutturali, elettrika jew mekkanika li tkun tinvolvi komponent wieħed jew aktar maħsuba apposta għal użu militari. Tali komponenti jinkludu:*

*a. Koperturi ta' tajers pnewmatiċi ta' għamla mfassla apposta biex ikunu tajbin kontra l-bullits;*

*b. Protezzjoni blindata ta' partijiet vitali, (pereżempju, it-tankijiet tal-karburant jew il-kabini tal-vetturi);*

*c. Rinforzi jew muntaturi speċjali għall-armi;*

*d. Dawl tal-black-out.*

*Nota 3 ML6 ma jikkontrollax karozzi ċivili, jew trakkijiet imfassla jew modifikati għat-trasportazzjoni ta' flus jew affarijiet prezzjużi, bi protezzjoni blindata jew ballistika.*

ML7 **Aġenti tossiċi kimiċi jew bijoloġiċi, "aġenti ta' kontroll ta' rvellijiet", materjali radjuattivi, tagħmir, komponenti u materjali relatati, kif ġej:**

a. Aġenti bijoloġiċi jew materjali radjoattivi "adattati għall-użu fi gwerra" biex idarrbu l-bnedmin jew l-annimali, jiddegradaw it-tagħmir jew jagħmlu ħsara lill-uċuħ tar-raba' jew l-ambjent;

b. Aġenti kimiċi tal-gwerra (CW) inklużi:

1. Aġenti nervini tas-CW:

a. O-Alkil (daqs jew inqas minn $C_{10}$, inkluż ċikloalkil) alkil (Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil) - fosfonofluworidati, bħal:

Sarin (GB):O-Isopropil metilfosfonofluworidat (CAS 107-44-8); u

Soman (GD):O-Pinasolil metilfosfonofloworidat (CAS 96-64-0);

b. O-Alkil (daqs jew inqas minn $C_{10}$, inkluż ċikloalkil) N,N-dijalkil (Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil) fosforamidosanidati bħal:

Tabun (GA):O-Etil N,N-dimetilfosforamidosanidat (CAS 77-81-6);

c. O-Alkil (H jew daqs jew inqas minn $C_{10}$, inkluż ċikloalkil) S-2-dijalkil (Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil)-amminuetil alkil (Metil, Etil, n-Propil or Isopropil) fosfonotiolati u mluħa alkilati u protonati korrispondenti, bħal:

VX: O-Etil S-2-diisopropilamminuetil metil fosfonotiolat (CAS 50782-69-9);

ML7 b. (*ikompli*)

2. Aġenti viżikanti tas-CW:

a. Mustardi tas-sulfat, bħal:

1. 2-Kloroetilklorometilsulfid (CAS 2625-76-5);

2. Bis(2-kloroetil) sulfid (CAS 505-60-2);

3. Bis(2-kloroetiltjo) metan (CAS 63869-13-6);

4. 1,2-bis (2-kloroetiltjo) etan (CAS 3563-36-8);

5. 1,3-bis (2-kloroetiltjo) -n-propan (CAS 63905-10-2);

6. 1,4-bis (2-kloroetiltjo) -n-butan (CAS 142868-93-7);

7. 1,5-bis (2-kloroetiltjo) -n-pentan (CAS 142868-94-8);

8. Bis (2-kloroetiltjometil) eter (CAS 63918-90-1);

9. Bis (2-kloroetiltjoetil) eter (CAS 63918-89-8);

b. Lewisiti, bħal:

1. 2-klorovinildikloroarsin (CAS 541-25-3);

2. Tris (2-klorovinil) arsin (CAS 40334-70-1);

3. Bis (2-klorovinil) kloroarsin (CAS 40334-69-8);

c. Mustardi tas-sulfat, bħal:

1. HN1: bis (2-kloroetil) etilammina (CAS 538-07-8);

2. HN2: bis (2-kloroetil) metilammina (CAS 51-75-2);

3. HN3: tris (2-kloroetil) ammina (CAS 555-77-1);

3. Aġenti inkapaċitanti tas-CW, bħal:

3-Quinuclidinyl benzilat (BZ) (CAS 6581-06-2);

4. Defoljanti tas-CW, bħal:

a. Butil 2-kloro-4-fluworofenoksijaċetat (LNF);

b. 2,4,5-trichlorophenoxyacetic acid (CAS 93-76-5) imħallat ma' 2,4-dichlorophenoxyacetic acid (CAS 94-75-7) (Agent Orange (CAS 39277-47-9));

c. Prekursuri binarji u prekursuri prinċipali tas-CW, kif ġej:

1. Alkil (Difluworidi tal-Fosfonil tal-Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil), bħal:

DF: Fosfonildifluworid tal-Metil (CAS 676-99-3);

2. O-Alkil (H jew daqs jew inqas minn $C_{10}$, inkluż ċikloalkil) O-2-dijalkil (Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil) amminuetil alkil (Metil, Etil, n-Propil jew Isopropil) fosfoniti u mlieħ alkilati u protonati korrispondenti, bħal:

QL: O-Etil-2-di-isopropilamminuetil metilfosfonit (CAS 57856-11-8);

3. Klorosarin: O-Isopropil metilfosfonokloridat (CAS 1445-76-7);

4. Klorosoman: O-Pinasolil metilfosfonokloridat (CAS 7040-57-5);

ML7 *(ikompli)*

d. ‘Aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet’, kimiki kostitwenti attivi u taħlitiet tagħhom, inklużi:

1. α-Bromobenzeneaċetonitril, (Bromobenzil cyanide) (CA) (CAS 5798-79-8);

2. [(2-klorofenil) methilin] propanedinitril, (o-Klorobenzilidenemalononitril (CS) (CAS 2698-41-1);

3. 2-Kloro-1-feniletanon, Fenilaċil klorid (ω-kloroaċetofenon) (CN) (CAS 532-27-4);

4. Dibenz-(b,f)-1,4-oxazefin, (CR) (CAS 257-07-8);

5. 10-Kloro-5,10-diħidrofenarsazin, (Fenarsazin klorid), (Adamsit), (DM) (CAS 578-94-9);

6. N-Nonanoilmorfolin, (MPA) (CAS 5299-64-9);

Nota 1 *ML7.d ma japplikax għal ‘aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet’ ippakkjati b’mod individwali għal finijiet ta’ difiża personali.*

Nota 2 *ML7.d. ma japplikax għal kimiki kostitwenti attivi, u taħlitiet tagħhom, identifikati u ppakkjati għall-produzzjoni tal-ikel jew finijiet mediċi.*

e. Tagħmir maħsub jew modifikat apposta għall-użu militari, maħsub jew modifikat għad-disseminazzjoni ta’ kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin, u komponenti maħsuba apposta għalihom:

1. Materjali jew aġenti speċifikati minn ML7.a., ML7.b. jew ML 7d.; jew

2. Aġenti CW magħmula minn prekursuri speċifikati minn ML7.c.

f. Tagħmir protettiv u ta’ dekontaminazzjoni, maħsuba jew modifikati apposta għal użu militari, komponenti u taħlitiet ta’ kimiki kif ġej:

1. Tagħmir, maħsub jew modifikat għad-difiża kontra materjali speċifikati minn ML7.a., ML7.b. jew ML7.d., u komponenti maħsuba apposta għal dan;

2. Tagħmir, maħsub jew modifikat għad-dekontaminazzjoni ta’ oġġetti kkontaminati b’materjali speċifikati minn ML7.a. jew ML7.b. u komponenti maħsuba apposta għal dan;

3. Taħlitiet kimiċi żviluppati jew ifformulati apposta għad-dekontaminazzjoni ta’ oġġetti kontaminati minn materjali speċifikati minn ML7.a. jew ML7.b.;

Nota *ML7.f.1. jinkludi:*

a. *Unitajiet tal-arja kkundizzjonata ddisinjati apposta jew modifikati għal filtrazzjoni bijoloġika jew kimika;*

b. *Ilbies ta’ protezzjoni.*

N.B *Għal maskli tal-gass ċivili, tagħmir protettiv u ta’ dekontaminazzjoni, ara wkoll l-iskrizzjoni 1A004 fuq il-Lista ta’ Użu Doppju tal-UE.*

g. Tagħmir maħsub jew modifikat apposta għall-użu militari, maħsub jew modifikat għall-kxif jew l-identifikazzjoni ta’ materjali speċifikati minn ML7.a., ML7.b. jew ML7.d., u komponenti maħsuba apposta għal dan;

Nota *ML7.g. ma japplikax għal dożimetri personali għall-monitoraġġ ta’ radjazzjoni.*

N.B *Ara wkoll l-iskrizzjoni 1A004 fuq il-Lista ta’ Użu Doppju tal-UE.*

ML7 (*ikompli*)

h. 'Bijopolimers' imaħsuba jew ipproċessati apposta għall-kxif jew l-identifikazzjoni ta' aġenti tas-CW speċifikati minn ML7.b., u l-kulturi ta' ċelluli speċifiċi użati biex dawn jiġu prodotti;

i. 'Bijokatalizzaturi' għad-dikontaminazzjoni jew id-degradazzjoni ta' aġenti tal-gwerra kimika, u sistemi bijoloġiċi għalihom, kif ġej:

1. 'Bijokatalisti' maħsuba apposta għad-dekontaminazzjoni jew id-degradazzjoni ta' aġenti tas-CW speċifikati minn ML7.b. li jirriżultaw mis-selezzjoni laboratorja diretta jew il-manipulazzjoni ġenetika ta' sistemi bijoloġiċi;

2. Sistemi bijoloġiċi li fihom l-informazzjoni ġenetika speċifika għall-produzzjoni ta' "bijokatalisti" speċifikati minn ML7.i.1., kif ġej:

a. "Vektors ta' espressjoni";

b. Virusijiet;

c. Kulturi ta' ċelloli.

Nota 1 *ML7.b. u ML7.d. ma japplikawx għal dan li ġej:*

*a. Klorur ċjanoġenu (CAS 506-77-4). Ara 1C450.a.5. fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE;*

*b. Aċidu Idroċijaniku (CAS 74-90-8);*

*c. Klorin (CAS 7782-50-5);*

*d. Klorur karbonil(fosġenu) (CAS 75-44-5). Ara 1C450.a.4. fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE;*

*e. Diposġin (triklorometil-kloroformat) (CAS 503-38-8);*

*f. Ma ntużax mill-2004;*

*g. Bromur xilil, orto: (CAS 89-92-9), meta: (CAS 620-13-3), para: c.Eżanitrudifenilammina (CAS 104-81-4);*

*h. Benżil bromur(CAS 100-39-0);*

*i. Benzyl iodide (CAS 620-05-3);*

*j. Aċetun bromo (CAS 598-31-2);*

*k. Bromur ċjanoġenu (CAS 506-68-3);*

*l. Metiletilketon bromo(CAS 816-40-0);*

*m. Aċetun kloro (CAS 78-95-5);*

*n. Jodoaċetat etil (CAS 623-48-3);*

*o. Aċetun jodo (CAS 3019-04-3);*

*p. Kloropiċrin (CAS 76-06-2). Ara 1C450.a.7. fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.*

Nota 2 *Il-kulturi taċ-ċelluli u s-sistemi bijoloġiċi speċifikati minn ML7.h. u ML7.i.2. huma esklussivi u dawn is-sub-punti ma japplikawx għal ċelluli jew sistemi bijoloġiċi għal finijiet ċivili, bħal dawk agrikoli, farmaċewtiċi, mediċinali, veterinarji, ambjentali, ġestjoni tal-iskart, jew fl-industrija tal-ikel.*

ML8 **'Materjali enerġetiċi', u sustanzi relatati, kif ġej:**

N.B.1. *Ara wkoll 1C011 fil-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.*

N.B.2. *Għal ċarġis u tagħmir, ara ML4 u 1A008 dwar il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.*

*Noti Tekniċi*

1. *Għall-finijiet ta' ML8, taħlita tirreferi għal kompożizzjoni ta' żewġ sustanzi jew aktar b'minn tal-inqas sustanza waħda elenkata fis-sub-punti ML8.*

2. *Kwalunkwe sustanza elenkata fis-subpunti ta' ML8 hija soġġetta għal din il-lista, anki meta użata f'applikazzjoni minbarra dik indikata. (pereżempju, TAGN hija fil-biċċa l-kbira użata bħala splussiv iżda tista' tintuża wkoll bħala karburant jew bħala ossidizzant.)*

a. 'Splussivi', kif ġej, u taħlitiet tagħhom:

1. ADNBF (amminudinitrubenżofuroksan jew 7-amminu-4,6-dinitrubenżofurażan-1-ossidu) (CAS 97096-78-1);

2. BNCP (ċis-bis (5-nitrutetrażolatu) tetra ammina-kobalt (III) perklorat) (CAS 117412-28-9);

3. CL-14 (dijamminu dinitrubenżofuroksan jew 5,7-dijamminu-4,6-dinitrubenżofurażan-1-ossidu) (CAS 117907-74-1);

4. CL-20 (HNIW jew Eżanitrueżaażajsowurtżitan) (CAS 135285-90-4); klatrati ta' CL-20 (ara wkoll ML8.g.3. u g.4. għall-"prekursuri" tiegħu);

5. CP (2-(5-ċjanotetrażolatu) penta ammina-kobalt (III) perklorat) (CAS 70247-32-4);

6. DADE (1,1-diamino-2,2-dinitroethylene, FOX7) (CAS 145250-81-3);

7. DATB (dijamminutrinitrubenżin) (CAS 1630-08-6);

8. DDFP (1,4-dinitrudifurażanopiperażin);

9. DDPO (2,6-dijamminu-3,5-dinitrupirażin-1-ossidu, PZO) (CAS 194486-77-6);

10. DIPAM (3,3'-dijamminu-2,2',4,4',6,6'-eżanitrubifenil jew dipikrammida) (CAS 17215-44-0);

11. DNGU (DINGU jew dinitruglikoluril) (CAS 55510-04-8);

12. Furażani, kif ġej:

    a. DAAOF (dijamminuażoksifurażan);

    b. DAAzF (dijamminuażofurażan) (CAS 78644-90-3);

13. HMX u derivativi (ara wkoll ML8.g.5. għall-"prekursuri" tiegħu), kif ġej:

    a. HMX (Ċiklotetrametilintetranitrammina, oktaidru-1,3,5,7-tetranitru-1,3,5,7-tetrazin, 1,3,5,7-tetranitru-1,3,5,7-tetraża-ċiklooktan, oktoġin jew oktoġen) (CAS 2691-41-0);

    b. analoġi difluworoamminati ta' HMX;

    c. K-55 (2,4,6,8-tetranitru-2,4,6,8-tetraażabiċiklu [3,3,0]-oktanon-3, tetranitrusemiglikuril jew keto-biċikliku HMX) (CAS 130256-72-3);

14. HNAD (eżanitruadamantan) (CAS 143850-71-9);

15. HNS (eżanitrustilbin) (CAS 20062-22-0);

ML8 a. (*ikompli*)

16. Imidażoli kif ġej:

    a. BNNII (Oktaidru-2,5-bis(nitruimminu)imidażo [4,5-d]imidażol);

    b. DNI (2,4-dinitruimidażol) (CAS 5213-49-0);

    c. FDIA (1-fluworo-2,4-dinitruimidażol);

    d. NTDNIA (N-(2-nitrutrijażolu)-2,4-dinitruimidażol);

    e. PTIA (1-pikril-2,4,5-trinitruimidażol);

17. NTNMH (1-(2-nitrutrijażolu)-2-dinitrumetilin idrażin);

18. NTO (ONTA jew 3-nitru-1,2,4-trijażol-5-wieħed) (CAS 932-64-9);

19. Polinitruikubani b'aktar minn erba' gruppi ta' nitru;

20. PYX (2,6-Bis(pikrilamminu)-3,5-dinitrupiridin) (CAS 38082-89-2);

21. RDX u derivativi, kif ġej:

    a. RDX (ċiklotrimetilinetrinitrammina, ċiklonit, T4, eżaidru-1,3,5-trinitru-1,3,5-trijazin, 1,3,5-trinitru-1,3,5-trijaża-ċikloeżasan, eżoġenu or eżoġin) (CAS 121-82-4);

    b. Keto-RDX (K-6 jew 2,4,6-trinitru-2,4,6-trijażaċikloeżanon) (CAS 115029-35-1);

22. TAGN (trijamminugwanidinenitrat) (CAS 4000-16-2);

23. TATB (trijamminutrinitrubenżin) (CAS 3058-38-6) (ara wkoll ML8.g.7 għall-"prekursuri" tiegħu);

24. TEDDZ (3,3,7,7-tetrabis(difluworoammina) oktaidru-1,5-dinitru-1,5-dijażoċin);

25. Tetrażoli, kif ġej:

    a. NTAT (nitrutrijażol amminutetrażol);

    b. NTNT (1-N-(2-nitrutrijażolu)-4-nitrutetrażol);

26. Tetril (trinitrufenilmetilnitrammina) (CAS 479-45-8);

27. TNAD (1,4,5,8-tetranitru-1,4,5,8-tetraażadekalin) (CAS 135877-16-6) (ara wkoll ML8.g.6. għall-"prekursuri" tiegħu);

28. TNAZ (1,3,3-trinitruażetidin) (CAS 97645-24-4) (ara wkoll ML8.g.2. għall-"prekursuri" tiegħu);

29. TNGU (SORGUYL jew tetranitruglikoluril) (CAS 55510-03-7);

30. TNP (1,4,5,8-tetranitru-piridazinu[4,5-d]piridażin) (CAS 229176-04-9);

31. Trijażini, kif ġej:

    a. DNAM (2-oxi-4,6-dinitruamminu-s-trijażin) (CAS 19899-80-0);

    b. NNHT (2-nitruimminu-5-nitru-eżaidru-1,3,5-trijażin) (CAS 130400-13-4);

ML8 a. (*ikompli*)

32. Trijażoli, kif ġej:

a. 5-ażido-2-nitrutrijażol;

b. ADHTDN (4-amminu-3,5-diħidrażinu-1,2,4-trijażol dinitrammida) (CAS 1614-08-0);

c. ADNT (1-amminu-3,5-dinitru-1,2,4-trijażol);

d. BDNTA ([bis-dinitrutrijażol]ammina);

e. DBT (3,3'-dinitru-5,5-bi-1,2,4-trijażol) (CAS 30003-46-4);

f. DNBT (dinitrubistrijażol) (CAS 70890-46-9);

g. Ilu ma jintuża mill-2010;

h. NTDNT (1-N-(2-nitrutrijażolu) 3.5-dinitrutrijażol);

i. PDNT (1-picryl-3,5-dinitrotriazole);

j. TACOT (tetranitrubenżotrijażolobenżotrijażol) (CAS 25243-36-1);

33. Splussivi mhux elenkati x'imkien ieħor f'ML8.a. u li għandhom xi wieħed minn dawn li ġejjin:

a. Veloċità ta' detonazzjoni li taqbeż it-8 700 m/s, b'densità massima, jew

b. Pressjoni ta' detonazzjoni li taqbeż 34 GPa (340 kbar);

34. Splussivi organiċi mhux elenkati x'imkien ieħor f'ML8.a. u li għandhom xi wieħed minn dawn li ġejjin:

a. Li jiġġeneraw pressjoni ta' detonazzjoni ta' 25 GPa (250 kbar) jew aktar u

b. Li jibqgħu stabbli f'temperaturi ta' 523K (250C) jew ogħla għal perijodi ta' 5 minuti jew itwal;

b. "Propellanti", kif ġej:

1. Kwalunkwe 'propellant' solidu tal-Klassi 1.1 tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) b'impuls speċifiku teoretiku (taħt kondizzjonijiet standard) ta' aktar minn 250 sekonda għal kompożizzjonijiet non-metalizzati, jew aktar minn 270 sekonda għal kompożizzjonijiet aluminizzati;

2. Kwalunkwe 'propellant' solidu tal-Klassi 1.3 tan-NU b'impuls speċifiku teoretiku (taħt kondizzjonijiet standard) ta' aktar minn 230 sekonda għal kompożizzjonijiet non-aloġenizzati, 250 sekonda għal kompożizzjonijiet non-metalizzati u 266 sekonda għal kompożizzjonijiet metallizati;

3. 'Propellanti' b'forza kostanti ta' aktar minn 1 200 kJ/kg;

4. 'Propellenti' li jistgħu jifilħu rata ta' ħruq lineari ta' stat kostanti ta' aktar minn 38 mm/s f'kundizzjonijiet standard (kif imkejla fl-għamla ta' filament uniku inibit) ta' pressjoni ta' 6.89 MPa (68.9 bar) u 294 K (21 °Ċ);

5. 'Propellanti' bbażati fuq Elastomer Modifikat fuq Fużjoni Doppja (EMCDB) b'estensibbiltà bi stress massimu ta' aktar minn 5 % b'233K (- 40 °C);

6. Kwalunkwe 'propellant' li fih sustanzi speċifikati minn ML8.a.

7. 'Propellanti', mhux speċifikati x'imkien ieħor fil-Lista Militari Komuni tal-UE, imfassla b'mod speċjali għall-użu militari;

ML8 (*ikompli*)

c. 'Piroteknici', fjuwils u sustanzi relatati, kif ġej, u taħlitiet tagħhom:

1. Fjuwils tal-ajruplani fformulati apposta għal finijiet militari;

2. (idrur tal-aluminju) (CAS 7784-21-6);

3. Karborani; dekaboran (CAS 17702-41-9); pentaborani (CAS 19624-22-7 u 18433-84-6) u derivativi tagħhom;

4. Idrażin u derivativi, kif ġej (ara wkoll ML8.d.8. u d.9. għal derivativi tal-idrażin ossidizzanti):

   a. Idrażin (CAS 302-01-2) f'konċentrazzjonijiet ta' 70 % jew aktar;

   b. Idrażin monometil (CAS 60-34-4);

   c. Idrażin dimetil simmetriku (CAS 540-73-8);

   d. Idrażin dimetil mhux simmetriku (CAS 57-14-7);

5. Karburants tal-metall b'forma ta' partiċelli kemm jekk sferiċi, atomizzati, sferojdali, ifflejkjati jew mitħuna, immanifatturati minn materjal li jikkonsisti f'99 % jew aktar minn kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

   a. Metalli kif ġej u taħlitiet tagħhom:

      1. Berillju (CAS 7440-41-7) f'daqsijiet ta' partiċelli ta' anqas minn 60 μm;

      2. Trab tal-ħadid (CAS 7439-89-6) b'daqs ta' partiċelli ta' 3 μm jew anqas prodott bit-tnaqqis ta' ossidu tal-ħadid mal-idroġenu;

   b. Taħlitiet li fihom kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

      1. Zirkonjum (CAS 7440-67-7), manjesju (CAS 7439-95-4) jew ligi ta' dawn f'daqsijiet ta' partiċelli ta' anqas minn 60 μm; jew

      2. Boron (CAS 7440-42-8) jew karbur boron (CAS 12069-32-8) ta' puritŭ ta' 85 % jew ogħla u daqsijiet ta' partiċelli ta' anqas minn 60 μm;

6. Materjali militari, li fihom ħaxxiena għal karburants idrokarbonju fformulati apposta għall-użu f'teffieħa tal-fjamma jew munizzjonijiet inċendjarji, bħal stearates jew palmates tal-metall (per eżempju, oktal (CAS 637-12-7)) u ħaxxiena M1, M2, u M3;

7. Perklorati, klorati u kromati, kkompositati b'metall fi trabb jew komponenti oħra għolja fil-karburant tal-enerġija;

8. Trab tal-aluminju sferiku (CAS 7429-90-5) b'daqs ta' partiċelli ta' 60 μm jew anqas, manifatturat minn materjal b'kontenut ta' aluminju ta' 99 % jew aktar;

9. Subidridu tat-titanju (TiHn) ta' stojkjometrija ekwivalenti għal n = 0,65 għal 1,68.

Nota 1 *Karburanti tal-ajruplani speċifikati minn ML8.c.1. huma prodotti mitmuma mhux il-kostitwenti tagħhom.*

Nota 2 *ML8.x.4.a. ma japplikax għal taħlitiet idrażini fformulati apposta għall-kontroll tal-korrużjoni.*

Nota 3 *ML8.c.5 japplika għal splussivi u karburanti, kemm jekk il-metalli jew il-ligi huma maqbuda f'kapsula tal-aluminju, tal-manjesju, taż-żirkonju, jew tal-berillju, kif ukoll jekk le.*

Nota 4 *ML8.c.5.b.2. ma japplikax għal boron u karbur boron magħmul aktar sinjur b'boron-10 (20 % jew aktar ta' kontenut totali ta' boron-10).*

Nota 5 *ML8.c.5.b. japplika biss għall-karburanti tal-metall fforma ta' partiċelli meta jkunu mħallta ma' sustanzi oħra biex jiffurmaw taħlita ffurmolata għall-iskopijiet militari bħal sospensjoni magħquda ta' propellant likwidu, propellant solidu, jew taħlitiet pirotekniċi.*

ML8 (*ikompli*)

d. Ossidizzaturi, kif ġej, u taħlitiet tagħhom:

1. ADN (ammonju dinitrummida jew SR 12) (CAS 140456-78-6);

2. AP (ammonju perklorat) (CAS 7790-98-9);

3. Komposti magħmula minn fluworin u kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

   a. Aloġeni oħra;

   b. Ossiġnu; jew

   c. Nitroġenu;

   Nota 1 *ML8.d.3 ma japplikax għal klorin trifluworid (CAS 7790-91-2).*

   Nota 2 *ML8.d.3 ma japplikax għal nitroġenu trifluworid (CAS 7783-54-2) fl-istat gassuż tiegħu.*

4. DNAD (1,3-dinitru-1,3-dijażetidin) (CAS 78246-06-7);

5. HAN (idroksilammonju nitrat) (CAS 13465-08-2);

6. HAP (idroksilammonju perklorat) (CAS 15588-62-2);

7. HNF (idrażinjum nitruformat) (CAS 20773-28-8);

8. Idrażin nitrat (CAS 37836-27-4);

9. Idrażin perklorat (CAS 27978-54-7);

10. Ossidizzaturi likwidi magħmula minn jew li fihom aċidu nitriku fumanti aħmar inibit (IRFNA) (CAS 8007-58-7);

    Nota: *ML8.d.10 ma japplikax għal aċidu nitriku fumanti mhux inibit.*

e. Bajnders, plastikizzaturi, monomers u polimers, kif ġej:

1. AMMO (azidomethylmethyloxetane u l-polymers tiegħu) (CAS 90683-29-7) (ara wkoll ML8.g.1. għall-"prekursuri" tiegħu);

2. BAMO (bisażidometiloksetan u l-polimers tiegħu) (CAS 17607-20-4) (ara wkoll ML8.g.1. għall-"prekursuri" tiegħu);

3. BDNPA (bis (2,2-dinitrupropil)aċetal) (CAS 5108-69-0);

4. BDNPF (bis (2,2-dinitrupropil)formali) (CAS 5917-61-3);

5. BTTN (butanetrjoltrinitrat) (CAS 6659-60-5) (ara wkoll ML8.g.8. għall-"prekursuri" tiegħu);

6. Monomers enerġetiċi, plastikizzaturi jew polimers, ifformultai b'mod speċjali għall-użu militari u li fihom kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

   a. Gruppi ta' nitro;

   b. Gruppi ta' azido;

   c. Gruppi ta' nitrat;

   d. Gruppi ta' nitraza; jew

   e. Gruppi ta' difluworoamin;

ML8

e. (*ikompli*)

7. FAMAO (3-difluworoamminumetil-3-ażidometil oksetan) u l-polimers tiegħu;

8. FEFO (bis-(2-fluworo-2,2-dinitruetil) formali) (CAS 17003-79-1);

9. FPF-1 (poli-2,2,3,3,4,4-eżafluworopentan-1,5-dijol formali) (CAS 376-90-9);

10. FPF-3 (poli-2,4,4,5,5,6,6-heptafluworu-2-tri-fluworometil-3-oksaeptan-1,7-dijol formali);

11. GAP (gliċidilażid polimer) (CAS 143178-24-9) u d-derivativi tiegħu;

12. HTPB (ħidroksil polibutadjen terminat) b'funzjonalità idroksila daqs jew akbar minn 2,2 u inqas minn jew daqs 2,4, valur idroksil ta' anqas minn 0,77 meq/g, u viskosità fi 30 °C ta' anqas minn 47 poise (CAS 69102-90-5);

13. Alkoħol funzjonalizzat, poly(epikloroidrin) b'piż molekolari ta' anqas minn 10 000, kif ġej;

   a. Poli(epikloroidrindjol);

   b. Poli(epikloroidrintrijol)

14. NENAs (komposti nitratoetilnitrammina) (CAS 17096-47-8, 85068-73-1, 82486-83-7, 82486-82-6 u 85954-06-9);

15. PGN (poli-GLYN, poligliċidilnitrat jew poli(nitratometil oksiran) (CAS 27814-48-8);

16. Poli-NIMMO (poli nitratometilmetiloksetan) jew poli-NMMO (poli[3-Nitratometil-3-metiloksetan) (CAS 84051-81-0);

17. Polinitruortokarbonati;

18. TVOPA (1,2,3-tris[1,2-bis(difluworoamminu)etoksi] propan jew tris vinoss propanu addott) (CAS 53159-39-0).

f. "Teknoloġija", kif ġej:

1. Ram saliċilat bażiku (CAS 62320-94-9);

2. BHEGA (bis-(2-idroksijetil) glikolammida) (CAS 17409-41-5);

3. BNO (butadjenenitrileoksajd) (CAS 9003-18-3);

4. Derivativi tal-Ferrosin kif ġej:

   a. Butasin (CAS 125856-62-4);

   b. Katosin (2,2-bis-etilferrosenil propan) (CAS 37206-42-1);

   c. Aċidi karbossiliċi tal-ferroċen li jinkludu:

      Aċidu karbossiliku tal-ferroċen (CAS 1271-42-7),

      1,1'-Aċidu ferroċendikarbossiliku (CAS 1293-87-4);

   d. n-butil-ferrosin (CAS 31904-29-7);

   e. Derivativi tal-polimer ferrosin addotti oħra;

5. Beta-resorsilat taċ-ċomb (CAS 20936-32-7);

6. Lead citrate (CAS 14450-60-3);

7. Ċelati taċ-ċomb-ram ta' beta-risorċilat jew saliċilati (CAS 68411-07-4);

ML8 f. (*ikompli*)

8. Maleat taċ-ċomb (CAS 19136-34-6);

9. Saliċilat taċ-ċomb (CAS 15748-73-9);

10. Stannat taċ-ċomb (CAS 12036-31-6);

11. MAPO (tris-1-(2-metil)ażiridinil fosfin ossidu) (CAS 57-39-6); BOBBA 8 (bis(2-metil ażiridinil) 2-(2-idroksipropanksi) propilamminu fosfin ossidu); u derivativi MAPO oħra;

12. Metil BAPO (bis(2-metil ażiridinil) metilamminu fosfin ossidu) (CAS 85068-72-0);

13. N-metil-p-nitruanilin (CAS 100-15-2);

14. 3-Nitraża-1,5-pentan diisocyanate (CAS 7406-61-9);

15. Aġenti ta' igganċjar organo-metalliċi kif ġej:

    a. Neopentil[diallil]oxi, tri[dioctil]fosfat-titanate (CAS 103850-22-2); magħruf ukoll bħala titanju IV, 2,2[bis 2-propenolato-metil, butanolato, tris (dioctil) fosfato] (CAS 110438-25-0); jew LICA 12 (CAS 103850-22-2);

    b. Titanju IV, [(2-propenolato-1) metil, n-propanolatometil] butanolato-1, tris[dijoktil] pirofosfat jew KR3538;

    c. Titanju IV, [(2-propenolato-1) metil, n-propanolatometil] butanolato-1, tris(dijoktil) fosfat;

16. Poliċijanodifluworoamminuetileneossidu;

17. Ammidi ażirdini polifunzjonali bi strutturi ta' rinforz isoftaliċi, trimesiċi (BITA jew butilin immina trimesammida), isoċjanuriċi jew trimetiladipiċi u sostituzzjonijiet ta' 2-metil jew 2-etil fuq iċ-ċurkett ażiridiniku;

18. Propilenejmin (2-metilażiridin) (CAS 75-55-8);

19. Ossidu tal-ħadid fin ħafna ħafna ($Fe_2O_3$) (CAS 1317-60-8) b'żona tal-wiċċ speċifika aktar minn 250 $m^2$/g u daqs medju tal-partikula ta' 3,0 nm jew anqas;

20. TEPAN (tetraetilinpentaamminakrilonitril) (CAS 68412-45-3); poliammini ċianoetilati u l-imlieħ tagħhom;

21. TEPANOL (tetraetilenepentaamminaakrilonitrilegliċidol) (CAS 68412-46-4); poliammini ċianoetilati addotti bi gliċidol u l-imlieħ tagħhom;

22. TPB (trifenil bismut) (CAS 603-33-8).

g. 'Prekursuri', kif ġej:

N.B N.B. *F'ML8.g. ir-referenzi huma għal 'Materjali Enerġetiċi' speċifikati manifatturati minn dawn is-sustanzi.*

1. BCMO (bisklorometiloksetan) (CAS 142173-26-0) (ara wkoll ML8.e.1. u e.2.);

2. Melħ dinitruażetidin-t-butil (CAS 125735-38-8) (ara wkoll ML8.a.28.);

3. HBIW (eżabenżileżaażajsowurtżitan) (CAS 124782-15-6) (ara wkoll ML8.a.4.);

4. TAIW (tetraaċetildibenżileżaażajsowurtżitan) (ara wkoll ML8.a.4.) c.Eżanitrudifenilammina (CAS 182763-60-6);

5. TAT (1,3,5,7 tetraaċetil-1,3,5,7,-tetraaża ċiklo-oktan) (CAS 41378-98-7) (ara wkoll ML8.a.13.);

6. 1,4,5,8-tetraażadekalin (CAS 5409-42-7) (ara wkoll ML8.a.27.);

ML8 g. *(ikompli)*

7. 1,3,5-triklorobenżin (CAS 108-70-3) (ara wkoll ML8.a.23.);

8. 1,2,4-triħidroksibutan (1,2,4-butanetrijol) (CAS 3068-00-6) (ara wkoll ML8.e.5.).

Nota 5 *Ma baqax jintuża wara l-2009*

Nota 6 *ML8 ma japplikax għal sustanzi li ġejjin dment li mhumiex magħquda jew imħallta mal-'materjal enerġetiku' speċifikat f'ML8.a. jew metalli fi trab f'ML8.c.:*

a. *Pikrat tal-ammonja (CAS 131-74-8);*

b. *Trab iswed;*

c. *Eżanitrudifenilammina (CAS 131-73-7);*

d *Difluworoammina (CAS 10405-27-3);*

e. *Nitrustarċ (CAS9056-38-6);*

f. *Nitrat tal-potassju (CAS 7757-79-1);*

g. *Tetranitrunaftalina;*

h. *Trinitruanizol;*

i. *Trinitronaphthalene;*

j. *Trinitruksilin;*

k. *N-pirrolidinon; 1-metil-2-pirrolidinon (CAS 872-50-4);*

l. *Dioktilmaleat (CAS 142-16-5);*

m. *Etileżilakrilat (CAS 103-11-7);*

n. *Trijetilaluminju (TEA) (CAS 97-93-8), trimetilaluminju (TMA) (CAS 75-24-1), u alkili tal-metall piroforiċi oħra u arili tal-litju, sodju, manjeżju, żingu jew boron;*

o. *Nitrocellulose (CAS 9004-70-0);*

p. *Nitrugliċerina (jew gliċeroltrinitrat, trinitrugliċerina) (NG) (CAS 55-63-0);*

q. *2,4,6-trinitrutolwin (TNT) (CAS 118-96-7);*

r. *Etilindijamminadinitrat (EDDN) (CAS 20829-66-7);*

s. *Pentaeritritoltetranitrat (PETN) (CAS 78-11-5);*

t. *Ażid taċ-ċomb (CAS 13424-46-9), stifnat taċ-ċomb normali (CAS 15245-44-0) u stifnat taċ-ċomb bażiku (CAS 12403-82-6) u splussivi primarji jew komposizzjonijiet ta' innesk li fihom ażidi jew kumplessi ta' ażid;*

u. *Trietilinglikoldinitrat (TEGDN) (CAS 111-22-8);*

v. *2,4,6-trinitroresorcinol (styphnic acid) (CAS 82-71-3);*

w. *Dietildifenilureja (CAS 85-98-3); dimetildifenilureja (CAS 611-92-7); metiletildifenil urea [Ċentraliti];*

x. *N,N-difenilureja (difenilurea mhux simettrika) (CAS 603-54-3);*

y. *Metil-N,N-difenilureja (difenilurea mhux simettrika) (CAS 13114-72-2);*

z. *Etil-N,N-difenilureja (etil difenilurea mhux simettrika) (CAS 64544-71-4);*

aa. *2-Nitrudifenilammina (2-NDPA) (CAS 119-75-5);*

bb. *4-Nitrudifenilammina (4-NDPA) (CAS 836-30-6);*

cc. *2,2-dinitropropanol (CAS 918-52-5);*

dd. *Nitrugwanidin (CAS 556-88-7)(ara 1C011.d. fuq il-lista ta' Użu Doppju tal-UE).*

ML9 **Bastimenti tal-gwerra (fil-wiċċ jew ta' taħt l-ilma) tagħmir navali speċjali, aċċessorji, komponenti u bastimenti tal-wiċċ oħra, kif ġej:**

N.B *Għal tagħmir ta' gwida u ta' nagivazzjoni, ara ML11.*

a. Bastimenti u komponenti, kif ġej:

1. Bastimenti (tal-wiċċ jew ta' taħt l-ilma) maħsuba jew modifikati apposta għal użu militari, irrispettivament mill-istat attwali ta' tiswija jew kondizzjoni ta' ħidma, u kemm jekk fihom sistemi jew armaturi ta' fornitura ta' armi kif ukoll jekk le, u bwieq jew partijiet mill-bwieq għal tali bastimenti, u komponenti maħsuba apposta għalihom għal użu militari;

2. Bastimenti tal-wiċċ, għajr għal dawk speċifikati f'ML9.a.1., li jkollhom minn dan li ġej, imwaħħal b'mod permanenti jew integrat fil-bastiment:

a. Armi awtomatiċi b'kalibru ta' 12,7 mm jew *aktar* speċifikati f'ML1., jew armi speċifikati f'ML2., ML4., ML12. jew ML19., jew b'"muntaturi" jew punti ta' konnessjoni (hard points) għal tali armi;

Nota Teknika

*'Muntaturi' tirreferi għal muntaturi tal-armi jew tisħiħ strutturali għall-fini li jiġu installati l-armi.*

b. Sistemi għall-kontroll tan-nar speċifikati f'ML5.;

c. Li jkollhom dawn l-elementi kollha li ġejjin:

1. "Protezzjoni Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari (CBRN)"; u

2. "Sistema pre-wet jew wash down" maħsuba għal finijiet ta' dekontaminazzjoni; jew

Noti Tekniċi

1. *'Protezzjoni CBRN' hija spazju intern imqalfat li fih karatteristiċi bħal pressjoni eċċessiva, iżolament tas-sistemi ta' ventilazzjoni, numru limitat ta' fetħiet għall-ventilazzjoni li jkunu mgħammra b'filtri CBRN u punti ta' aċċess għall-persunal limitati li jkunu mgħammra b'air-locks.*

2. *'Sistema pre-wet jew wash down' hija sistema li tisprejja l-ilma baħar li tista' xxarrab fl-istess waqt is-superstruttura esterna u l-gverti ta' bastiment.*

d. Sistemi attivi ta' kontramiżuri għal armi speċifikati f'ML4.b., ML5.c. jew ML11.a. u li għandhom kwalunkwe element minn dawn li ġejjin:

1. "Protezzjoni CBRN";

2. Buq u superstruttura maħsuba apposta biex inaqqsu l-kejl tal-wiċċ ekwivalenti bir-radar;

3. Tagħmir għat-tnaqqis tal-marka termali, (pereżempju sistema għat-tkessiħ tal-gassijiet tal-egżost), għajr dak maħsub apposta biex ikabbar l-effiċjenza ġenerali tal-impjant tal-enerġija jew biex jitnaqqas l-impatt ambjentali; jew

4. Sistema ta' degaussing maħsuba biex tnaqqas il-marka manjetika tal-bastiment kollu;

b. Magni u sistemi ta' propulsjoni, kif ġej, maħsuba apposta għall-użu militari, u komponenti u aċċessorji tagħhom maħsuba apposta għall-użu militari:

1. Magni diżil maħsuba apposta għas-sottomarini u li għandhom l-elementi kollha li ġejjin:

a. Output ta' enerġija ta' 1.12 MW (1 500 hp) jew aktar; u

b. Veloċità rotarja ta' 700 rpm jew aktar;

ML9 b. (*ikompli*)

2. Magni jaħdmu bl-elettriku maħsuba apposta għas-sottomarini u li għandhom l-elementi kollha li ġejjin:

a. Output ta' enerġija ta' aktar minn 0.75 MW (1 000 hp);

b. Irriversjar rapidu;

c. Imkessħa bil-likwidu; u

d. Kompletament magħluqa;

3. Magni diżil mhux manjetiċi li għandhom l-elementi kollha li ġejjin:

a. Output ta' enerġija ta' 37.3 MW (50 hp) jew aktar; u

b. Kontenut mhux manjetiku li jaqbeż il-75 % tal-massa totali;

4. Sistemi ta' "Propulsjoni Indipendenti mill-Arja" (AIP) maħsuba apposta għas-sottomarini;

*Nota Teknika*

*"Propulsjoni Indipendenti mill-Arja" (AIP) tippermetti lil sottomarin taħt l-ilma jopera s-sistema ta' propulsjoni tiegħu mingħajr aċċess għal ossiġenu atmosferiku, għal żmien itwal minn dak li kien ikun possibbli mill-batteriji. Għall-finijiet ta' ML9.b.4, AIP ma jinkludix enerġija nukleari.*

c. Apparat ta' kxif ta' taħt l-ilma, maħsub apposta għall-użu militari, u l-kontrolli u l-komponenti tiegħu maħsuba apposta għall-użu militari;

d. Xbieki kontra s-sottomarini u xbieki kontra t-torpedos, maħsuba apposta għall-użu militari;

e. Ma ntużax mill-2003;

f. Penetraturi u konnetturi tal-buq, maħsuba apposta għall-użu militari, li jippermettu l-interazzjoni ma' tagħmir estern għal bastiment, u l-komponenti tagħhom maħsuba apposta għall-użu militari;

Nota *ML9.f. jinkludi konnetturi għal bastimenti li huma tat-tip tal-konduttur uniku, ta' diversi kondutturi, koassjali jew waveguide, u penetraturi tal-buq għall-bastimenti, li t-tnejn li huma kapaċi jibqgħu jirreżistu d-dħul tal-ilma minn barra u li jżommu l-karatteristiċi meħtieġa fi profonditajiet marini li jaqbżu l-100 m; u konnetturi tal-fibre-optic u penetraturi ottiċi tal-buq, maħsuba apposta għat-trasmissjoni ta' raġġi 'laser', irrispettivament mill-profondità. ML9.f. ma japplikax għal penetraturi tal-buq control-rod bix-xaft propulsiv u idrodinamiċi.*

g. Bearings silenzjużi li għandhom kwalunkwe wieħed mill-komponenti tagħhom li ġejjin, maħsuba apposta għall-użu militari:

1. Sospensjoni bil-gass jew manjetika;

2. Kontrolli tal-marka attiva; jew

3. Kontrolli għas-soppressjoni tal-vibrazzjonijiet.

ML10 **'Ajruplan', 'vetturi eħfef mill-arja', vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ, aero-magni u tagħmir għall-"ajruplani", tagħmir u komponenti relatati, maħsuba jew modifikati apposta għall-użu militari, kif ġej:**

N.B *Għal tagħmir ta' gwida u ta' nagivazzjoni, ara ML11.*

a. a. 'Ajruplani' tal-ġlied u komponenti mfassla apposta għalihom;

b. b. 'Ajruplani' u 'vetturi eħfef mill-arja' oħra, maħsuba jew modifikati apposta għall-użu militari, inklużi r-reconnaissance militari, l-assalt, it-taħriġ militari, it-trasport u t-tfiegħ mill-ajru ta' truppi jew tagħmir militari, appoġġ għal-loġistika, u komponenti maħsuba apposta għalihom;

ML10 (*ikompli*)

c. Vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ u tagħmir relatat, imfassla jew immodifikati apposta għall-użu militari, kif ġej, u komponenti mfassla apposta għalihom:

1. Vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ inklużi vetturi tal-ajru ppilotati mill-bogħod (RPVs), vetturi programmabbli awtonomi u ‘vetturi eħfef mill-arja’;

2. Teffieħa assoċjati u tagħmir għall-appoġġ tal-art;

3. Tagħmir relatat għall-kmand u l-kontroll;

d. Magni-aero mfassla jew immodifikati apposta għall-użu militari, u komponenti mfassla apposta għalihom;

e. Tagħmir tal-ajru, inkluż tagħmir għall-għoti tal-karburant fl-ajru, maħsub apposta għall-użu mal-“ajruplani” speċifikati minn ML10.a. jew ML10.b. jew l-aero-magni speċifikati minn ML10.d., u komponenti maħsuba apposta għalihom;

f. Apparat għall-għoti mill-ġdid tal-karburant bi pressjoni, tagħmir għall-għoti mill-ġdid tal-karburant bi pressjoni, tagħmir maħsub apposta sabiex jiffaċilita operazzjonijiet f'żoni konfinati u tagħmir tal-art, żviluppati apposta għall-‘ajruplan’ speċifikati minn ML10.a. jew ML10.b., jew għal aero-magni speċifikati minn ML10.d.;

g. Elmi militari u maskli protettivi u komponenti mfassla apposta għalihom, tagħmir taħt pressjoni għan-nifs u lbies bi pressjoni parzjali għall-użu f'‘ajruplani’, ilbies kontra l-gravità, konvertituri tal-ossiġenu likwidu użati għall-‘ajruplani’ jew il-missili, u katapulti u mezzi attivati permezz ta' kariga splussiva għall-ħarba tal-persunal mill-‘ajruplan’ f'każ ta' emerġenza;

h. Paraxutijiet, paragliders u tagħmir relatat, kif ġej, u komponenti mfassla apposta għalihom:

1. Paraxutijiet li mhumiex speċifikati x'imkien ieħor fil-Lista Militari Komuni tal-UE;

2. Paragliders

3. Tagħmir maħsub apposta għal paraxutisti ta' altitudni għolja (pereżempju, ilbies, elmi speċjali, sistemi għat-teħid tan-nifs, tagħmir tan-navigazzjoni);

i. Sistemi ta' pilotaġġ awtomatiku għal tagħbija mitfugħa bil-paraxut; tagħmir maħsub jew modifikat apposta għall-użu militari għal qbiż bi ftuħ ikkontrollat fi kwalunkwe għoli, inkluż tagħmir tal-ossiġnu.

Nota 1 *ML10.b. ma japplikax għal ‘ajruplani’ jew varjanti ta' dawk ‘l-ajruplani’ maħsuba apposta għall-użu militari u li jkunu dan kollu li ġej:*

*a. Mhumiex konfigurati għall-użu militari u mhumiex mgħammra b'tagħmir jew aċċessorji mfassla jew immodifikati apposta għall-użu militari;* u

*b Ikunu ċċertifikati għall-użu ċivili mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili fi Stat Membru jew fi Stat Parteċipanti għall-Arranġament ta' Wassenaar.*

Nota 2 *ML10.d. ma japplikax għal:*

*a. Aero-magni maħsuba jew modifikati għall-użu militari li ġew iċċertifikati mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili fi Stat Membru jew fi Stat Parteċipanti għall-Arranġament ta' Wassenaar għall-użu f'‘ajruplani ċivili’, jew komponenti maħsuba apposta għalihom;*

*b. Magni reċiprokanti jew komponenti mfassla apposta għalihom, ħlief dawk imfassla apposta għal vetturi tal-ajru mingħajr ekwipaġġ.*

ML10 (*ikompli*)

*Nota 3 ML10.b. u ML10.d. dwar komponenti maħsuba apposta u tagħmir relatat għal 'ajruplani' mhux militari jew aero-magni mmodifikati għall-użu militari japplikaw biss għal dawk il-komponenti militari u għal tagħmir relatat militari meħtieġ għall-immodifikar għal użu militari.*

ML11 **Tagħmir elettroniku mhux speċifikat x'imkien ieħor fuq il-Lista Militari Komuni tal-UE, kif ġej, u komponenti maħsuba apposta għalihom:**

a. Tagħmir elettroniku mfassal apposta għall-użu militari;

*Nota ML11.a. jinkludi:*

*a. Tagħmir ta' kontramiżura elettroniku u tagħmir ta' kontra-kontramiżura elettroniku (jiġifieri, tagħmir maħsub sabiex jintroduċi sinjali estranji jew erronji f'riċevituri tal-komunikazzjoni bir-radar jew bir-radju jew inkella jfixkel ir-riċeviment, l-operat jew l-effettività ta' riċevituri elettroniċi avversarji inkluż it-tagħmir ta' kontramiżura tagħhom), inkluż tagħmir ta' bblukkar jew kontra-ibblukkar;*

*b. Tubi b'aġilità ta' frekwenza;*

*c. Sistemi jew tagħmir elettroniċi, iddisinjati għall-issorveljar jew għall-monitoraġġ tal-ispettru elettro-manjetiku għal finijiet ta' tagħrif sigriet militari jew ta' sigurtà jew b'kontra-azzjoni għal tali sorveljanza u monitoraġġ;*

*d. Tagħmir ta' kontramiżuri ta' taħt l-ilma, inkluż tagħmir ta' provokazzjoni u ta' distrazzjoni akustiku u manjetiku mfassal biex jintroduċi sinjali estranji jew erronji f'riċevituri sonarji;*

*e. Tagħmir ta' sigurtà għall-ipproċessar tad-data, tagħmir għas-sigurtà tad-data u tagħmir ta' sigurtà għal linji ta' trasmissjoni u ta' senjalazzjoni, bl-użu ta' proċessi ta' ċifraġġ;*

*f. Tagħmir għall-identifikazzjoni, l-awtentikazzjoni u t-tagħbija ta' ċwievet krittografiċi u tagħmir għall-ġestjoni, il-manifatturazzjoni u d-distribuzzjoni ta' ċwievet krittografiċi;*

*g. Tagħmir ta' gwida u navigazzjoni;*

*h. Tagħmir ta' trażmissjoni ta' komunikazzjonijiet bir-radju troposcatter diġitali;*

*i. Demodulaturi diġitali mfassla apposta għal tagħrif sigriet ta' sinjali;*

*j. 'Sistemi awtomatizzati ta' kmand u kontroll'.*

*N.B Għal 'software'assoċjat mar-Radju militari Definit permezz ta' 'Software' (SDR) ara ML21.*

b. Tagħmir għall-ibblukkjar ta' Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS).

ML12 **Sistemi ta' armi b'enerġija kinetika b'veloċità għolja u tagħmir relatat, kif ġej, u komponenti maħsuba apposta għalihom:**

a. Sistemi ta' armi b'enerġija kinetika mfassla apposta għall-qerda jew l-abbort ta' xi bersall;

b. Faċilitajiet ta' ttestjar u evalwazzjoni u mudelli ta' ttestjar maħsuba apposta, inklużi strumentazzjoni u miri dijagnostiċi, għall-ittestjar dinamiku ta' projetturi u sistemi tal-enerġija kinetika.

*N.B Għal sistemi tal-armi li jużaw munizzjon sub-kalibru jew li jagħmlu użu biss minn propulsjoni kimika u munizzjoni għalihom, ara ML1 sa ML4.*

*Nota 1 ML12 jinkludi li ġej meta hu l-każ ta' sistemi mfassla apposta għal armi b'enerġija kinetika:*

*a. Sistemi ta' propulsjoni għat-tfigħ kapaċi jaċċelleraw mases akbar minn 0.1 g għal veloċitajiet li jaqbżu 1.6 km/s, f'modi ta' tluq uniċi jew rapidi.*

*b. Tagħmir ta' ġenerazzjoni tal-enerġija prima, ta' armatura elettrika, ta' ħażna tal-enerġija, ta' amministrazzjoni termali, ta' kondizzjonament, ta' sswiċċjar jew ta' trattament tal-karburant; ċ.Sistemi ta' akkwist tal-bersall, ittrekkjar, kontroll tan-nar jew valutazzjoni tad-dannu;*

ML12 Nota 1 *(ikompli)*

*c. Sistemi ta' akkwist tal-bersall, ittrekkjar, kontroll tan-nar jew valutazzjoni tad-dannu;*

*d. Sistemi awtogwidati ta' riċerka, ta' gwida jew ta' propulsjoni devjata (aċċelerazzjoni laterali) għal-projetturi.*

Nota 2 *ML12 japplika għal sistema ta' armi bl-użu ta' kwalunkwe wieħed mill-metodi li ġejjin ta' propulsjoni:*

*a. Elettromanjetika;*

*b. Elettrotermali;*

*c. Plasma;*

*d. Gass ħafif; jew*

*e. Kimika (meta użata flimkien ma' kwalunkwe wieħed minn dawn ta' hawn fuq).*

ML13 **Tagħmir blindat jew protettiv, kostruzzjonijiet u komponenti, kif ġej:**

a. Pjanċa blindata, li għandha xi wieħed minn dan li ġej:

1. Manifatturata sabiex tikkonforma ma' standard jew speċifikazzjoni militari; jew

2. Adatta għall-użu militari;

b. Kostruzzjonijiet ta' materjali metalliċi jew non-metalliċi, jew taħlitiet tagħhom, maħsuba apposta biex jipprovdu protezzjoni ballistika għal sistemi militari, u komponenti maħsuba apposta għalihom;

c. Elmi manifatturati skont standards jew speċifikazzjonijiet militari, jew standards nazzjonali komparabbli, u komponenti tagħhom maħsuba apposta, (jiġifieri struttura esterna, inforra u kuxxinett għal konfort);

d. Korazza tal-ġisem u indumenti protettivi, manifatturati f'konformità ma' standards jew speċifikazzjonijiet militari, jew l-ekwivalenti, u komponenti maħsuba apposta għalihom.

Nota 1 *ML13.b. jinkludi materjali mfassla apposta sabiex jiffurmaw armatura reattiva għall-isplussivi jew sabiex jiġu mibnija xelters militari.*

Nota 2 *ML13.c. ma japplikax għal elmi tal-azzar konvenzjonali, la mmodifikati u lanqas maħsuba biex jaċċettaw, u lanqas mgħammra bi kwalunkwe tip ta' apparat aċċessorju.*

Nota 3 *ML13.c. u d. ma japplikax għal elmi, korazzatura tal-ġisem jew indumenti protettivi meta jkunu qed jakkumpanjaw l-utent tagħhom għall-protezzjoni personali tal-utent stess.*

Nota 4 *L-uniċi elmi maħsuba apposta għal persunal responsabbli għar-rimi tal-bombi li huma speċifikati mill-ML13. huma dawk maħsuba apposta għall-użu militari.*

N.B. 1 *Ara wkoll l-iskrizzjoni 1A005 fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.*

N.B. 2 *Għal 'materjali fibrużi jew filamentari' użati fil-manifattura ta' korazza tal-ġisem u elmi, ara l-iskrizzjoni 1C010 fil-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.*

ML14 **'Tagħmir speċjalizzat għal taħriġ militari', jew għas-simulazzjoni ta' xenarji militari, simulaturi maħsuba apposta għal taħriġ fl-użu ta' kwalunkwe arma tan-nar jew arma kkontrollata minn ML1 jew ML2, u komponenti u aċċessorji maħsuba apposta għalihom.**

Nota Teknika

*It-terminu 'tagħmir speċjalizzat għat-taħriġ militari' jinkludi tipi militari ta' trejners ta' attakk, ta' trejners ta' titjir operattiv, ta' trejners għall-bersall radar, ta' ġeneraturi ta' bersall radar, ta' apparati ta' taħriġ fl-isparar, ta' trejners għall-gwerra anti-sottomarini, ta' simulaturi tat-titjir (inklużi ċ-ċentrifuġi previsti għall-bniedem, iddestinati għat-taħriġ ta' piloti/astronawti), ta' trejners radar, ta' simulaturi ta' titjir strumentali, ta' simulaturi ta' navigazzjoni, ta' simulaturi ta' tfiegħ ta' missili, ta' tagħmir għall-bersall, ta' 'ajruplani' telegwidati, ta' trejners tal-armamenti, ta' trejners għall-gwida ta' 'ajruplani' mingħajr pilota, ta' unitajiet ta' taħriġ mobbli u ta' tagħmir tat-taħriġ għal operazzjonijiet militari tal-art..*

ML14 (*ikompli*)

Nota 1 *ML14 jinkludi sistemi ta' ġenerazzjoni tal-immaġni u ta' ambjent interattiv għal simulaturi, meta maħsuba jew modifikati apposta għall-użu militari.*

Nota 2 *ML14 ma japplikax għal tagħmir maħsub apposta għal taħriġ fl-użu ta' armi tal-kaċċa jew għall-isports.*

ML15 **Tagħmir ta' immaġni jew kontramiżura, kif ġej, maħsub apposta għall-użu militari, u komponenti u aċċessorji maħsuba apposta għalihom:**

a. Rekorders u tagħmir ta' pproċessar tal-immaġni;

b. Kameras, tagħmir fotografiku u tagħmir għall-ipproċessar tal-films;

c. Tagħmir għall-intensifikazzjoni tal-immaġni;

d. Tagħmir għall-viżjoni bl-infra-aħmar jew termali;

e. Tagħmir għall-elaborazzjoni tal-immaġni radar;

f. Tagħmir ta' kontramiżura jew ta' kontra-kontramiżura, għat-tagħmir speċifikat minn ML15.a. sa ML15.e.

Nota *ML15.f. jinkludi tagħmir imfassal sabiex jiddegrada l-operat jew l-effettività tas-sistemi militari ta' viżjoni jew sabiex inaqqas l-effetti ta' tali degradazzjoni.*

Nota 1 *F'ML15, it-terminu 'komponenti maħsuba apposta' jinkludi dan li ġej meta maħsuba apposta għall-użu militari:*

*a. Tubi konvertituri tal-immaġni bid-dawl infra-aħmar;*

*b. Tubi intensifikaturi tal-immaġni (minbarra l-ewwel ġenerazzjoni);*

*c. Pjanċi mikrokanal;*

*d. Tubi ta' kamera tat-televixin b'livell baxx ta' dawl;*

*e. Detector arrays (inklużi sistemi ta' interkonnessjoni elettronika jew read out);*

*f. Tubi piroelettriċi tal-kameras tat-televiżjoni;*

*g. Sistemi tat-tkessiħ għal sistemi ta' viżjoni;*

*h. Xatters imħarrka elettrikament tat-tip fotokromiku jew elettro-ottiku b'veloċità tax-xatter ta' anqas minn 100 μs, ħlief fil-każ ta' xatters li huma parti essenzjali ta' kamera b'veloċità għolja;*

*i. Invertituri tal-immaġni b'fibra ottika;*

*j. Fotokatodi b'semikondutturi komposti*

Nota 2 *ML15 ma japplikax għal 'tubi intensifikaturi tal-immaġni tal-ewwel ġenerazzjoni' jew tagħmir maħsub apposta sabiex jinkorpora 'tubu intensifikatur tal-immaġni tal-ewwel ġenerazzjoni'.*

N.B *Għall-istatus ta' strumenti ottiċi ta' mira għall-armi li jinkorporaw "tubi intensifikaturi tal-immaġni tal-ewwel ġenerazzjoni" ara ML1., ML2. u ML5.a.*

N.B *Ara wkoll 6A002.a.2. u 6A002.b. fuq il-Lista ta' Użu Doppju tal-UE.*

ML16 **Foroġ, forom u prodotti oħra mhux kompluti, maħsuba apposta għal oġġetti speċifikat minn ML1 sa ML4, ML6, ML9, ML10, ML12 jew ML19.**

Nota *ML16. japplika għal prodotti mhux kompluti meta jkunu identifikabbli mill-kompożizzjoni tal-materjal, il-ġeometrija jew il-funzjoni.*

ML17 **Tagħmir, materjali u 'libreriji' mixxellanji, kif ġej, u komponenti maħsuba apposta għalihom:**

a. Awtorespiraturi għall-għadis u apparat għall-għawm ta' taħt l-ilma, kif ġej:

1. Apparat b'ċirkwit magħluq jew nofsu magħluq (b'riġenerazjoni tal-arja) imfassal apposta għall-użu militari (jiġifieri, imfassal apposta sabiex ma jkun manjetiku);

2. Komponenti mfassla apposta għall-użu fil-konverżjoni ta' apparat b'ċirkwit miftuħ għall-użu militari;

3. Artikoli mfassla esklussivament għall-użu militari b'awtorespiraturi għall-għadis u apparat għall-għawm ta' taħt l-ilma;

b. Tagħmir tal-kostruzzjoni mfassal apposta għall-użu militari;

c. Aċċessorji, passati u trattamenti, għas-soppressjoni tal-senjatura, maħsuba apposta għall-użu militari;

d. Tagħmir għall-assistenza teknika fuq il-post imfassal apposta għall-użu f'żona ta' ġlied;

e. 'Robots', unitajiet ta' kontroll tar-'robot' u t-'tarf ta' tagħmir ddisinjat għal interazzjoni mal-ambjent' tar-'robot', li jkollhom kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġejjin:

1. Imfassla apposta għall-użu militari;

2. Jinkorporaw mezzi għall-protezzjoni ta' linji idrawliċi kontra panċers ikkawżati minn frammenti ballistiċi (per eżempju, li jinkorporaw linji li awto-siġillanti) u maħsuba sabiex jużaw fluwidi idrawliċi b'punti ta' flaxx ogħla minn 839 K (566 °C); jew

3. Maħsuba jew predisposti apposta biex joperaw f'ambjent sottopost għal impulsi elettromanjetiċi (EMP);

Nota Teknika

*Impuls elettromanjetiku ma jirreferix għall-interferenza mhux intenzjonata kkawżata mir-radjazzjoni elettromanjetika minn tagħmir (pereżempju makkinarju, elettrodomestiċi jew tagħmir ta' elettronika) jew minn sajjetti li jinsabu fil-viċinanza.*

f. "Librerji" (databases tekniċi parametriċi) maħsuba apposta għall-użu militari ma' tagħmir speċifikat mil-Lista Militari Komuni tal-UE;

g. Enerġija nukleari li tiġġenera tagħmir jew tagħmir ta' propulsjoni, inklużi "reatturi nukleari", maħsuba apposta għall-użu militari u komponenti għalihom maħsuba jew 'modifikati' apposta għall-użu militari;

h. Tagħmir jew materjal, mogħti passata jew ittrattat għas-soppressjoni tas-senjatura, maħsub apposta għall-użu militari, minbarra dawk speċifikati x'imkien ieħor fil-Lista Militari Komuni tal-UE;

i. Simulaturi ddisinjati apposta għal 'reatturi nukleari' militari;

j. Ħwienet tat-tiswija mobbli maħsuba jew 'modifikati' apposta għall-manutenzjoni ta' tagħmir militari;

k. Ġeneraturi ta' fuq il-post maħsuba jew 'modifikati' apposta għall-użu militari;

l. Containers maħsuba jew 'modifikati' apposta għall-użu militari;

m. Laneċ, minbarra dawk speċifikati x'imkien ieħor fil-Lista Militari Komuni tal-UE, pontijiet u puntuni, maħsuba apposta għall-użu militari;

n. Mudelli ta' ttestjar maħsuba apposta għall-"iżvilupp" ta' oġġetti speċifikati minn ML4, ML6, ML9 jew ML10;

ML17 (*ikompli*)

o. Tagħmir ta' protezzjoni mil-laser (per eżempju, protezzjoni tal-għajnejn u protezzjoni sensorjali) maħsub apposta għall-użu militari.

p. "Ċelloli tal-karburant" minbarra dawk speċifikati x'imkien ieħor fil-Lista Militari Komuni tal-UE ddisinjati apposta jew "immodifikati" għall-użu militari.

Noti Tekniċi

1. *Għall-fini ta' ML17, it-terminu 'librerija' (database teknika parametrika) jfisser kollezzjoni ta' informazzjoni teknika ta' natura militari, li r-referenza għaliha tista' ttejjeb il-prestazzjoni ta' tagħmir jew sistemi militari.*

2. *Għall-fini ta' ML17, 'immodifikat' tfisser kwalunkwe bidla strutturali, elettrika, mekkanika jew ta' tip ieħor li tipprovdi oġġett mhux militari b'kapaċitajiet ekwivalenti għal oġġett li huwa ddisinjat apposta għal użu militari.*

ML18 **Tagħmir u komponenti ta' produzzjoni, kif ġej:**

a. Tagħmir ta' 'produzzjoni' maħsub jew modifikat apposta għall-'produzzjoni' ta' prodotti speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE, u komponenti maħsuba apposta għalih;

b. Faċilitajiet ta' ttestjar ambjentali maħsuba apposta jew tagħmir maħsub apposta għalihom, għaċ-ċertifikazzjoni, il-kwalifikazzjoni jew l-ittestjar ta' prodotti speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

Nota Teknika

*Għall-finijiet ta' ML18, it-terminu 'produzzjoni' jinkludi tfassil, eżaminazzjoni, manifattura, ittestjar u verifika.*

Nota *ML18.a. u ML18.b. jinkludu t-tagħmir li ġej:*

*a. Nitraturi kontinwi;*

*b. Apparat jew tagħmir tal-ittestjar ċentrifugali li għandu kwalunkwe minn dawn li ġejjin:*

*1. Misjuq b'mutur jew muturi li għandu/hom potenza nominali totali ta' aktar minn 298 kW (400 hp);*

*2. Kapaċi jġorr payload ta' 113 kg jew aktar;* jew

*3. Kapaċi jeżerċita aċċelerazzjoni ċentrifugali ta' 8 g jew aktar fuq payload ta' 91 kg jew aktar;*

*c. Pressaturi għad-deidratazzjoni;*

*d. Extruders tal-viti mfassla jew immodifikati apposta għal estrużjoni militari splussiva;*

*e. Magni li jaqtgħu għad-daqs ta' propellanti estrużi;*

*f. Sweetie barrels (tumblers) ta' dijametru ta' 1.85 m jew aktar u li għandhom kapaċità tal-prodott 'il fuq minn 227 kg;*

*g. Miksers kontinwi għal propellanti solidi;*

*h. Imtieħen idrawliċi għat-tfarrik jew it-tħin tal-ingridjenti ta' splussivi militari;*

*i. Tagħmir biex jinkisbu kemm l-isfeiċità kif ukoll l-uniformità tal-partiċelli tat-trab metalliku elenkat f'ML8.c.8.;*

*j. Konvertituri tal-kurrent ta' konvezzjoni għall-konverżjoni tal-materjali elenkati f'ML8.c.3.*

ML19 **Sistemi ta' armi b'enerġija diretta (DEW), tagħmir relatat jew ta' kontromiżura u mudelli ta' ttestjar, kif ġej, u komponenti maħsuba apposta għalihom:**

a. Sistemi 'lejżer' imaħsuba apposta għall-qerda jew biex jeffettwaw l-missjoni-abort ta' mira;

b. Sistemi b'raġġi tal-partiċelli kapaċi li jeqirdu jew li jeffettwaw l-missjoni-abort ta' mira;

c. Sistemi b'qawwa għolja ta' Frekwenza-Radju (RF) kapaċi li jeqirdu l-bersall tagħhom jew li kapaċi jimplimentaw il-falliment tal-missjoni ta' dan il-bersall;

d. Tagħmir maħsub apposta biex isib jew jidentifika lil, jew biex jiddefendi minn, sistemi speċifikati minn ML19.a. sa ML19.c.; e.

e. Mudelli għal test fiżiku għas-sistemi, tagħmir u komponenti speċifikati minn dan ML19.

f. Sistemi 'lejżer' iddisinjati apposta biex jikkawżaw agħma permanenti għal viżjoni mhux modifikata, jiġifieri lill-għajn mikxufa jew lill-għajn b'tagħmir li jikkoreġi l-vista.

*Nota 1* *Sistemi ta' armi b'enerġija diretta speċifikati f'ML19 jinkludu sistemi li l-kapaċità tagħhom toriġina mill-applikazzjoni kontrollata ta':*

*a. 'Lejżers' ta' qawwa suffiċjenti biex tikkawża qerda simili għall-metodu ta' munizzjon konvenzjonali;*

*b. Aċċelleraturi ta' partiċelli li jipproġettaw raġġ ta' partiċelli iċċarġjati jew newtrali b'qawwa distruttiva;*

*c. Trasmettituri ta' raġġ ta' frekwenza radju b'qawwa ta' pulsazzjoni għolja jew qawwa ta' medja għolja li jipproduċu għelieqi suffiċjentament intensili jwaqqfu l-ħidma ta' ċirkwiti elettroniċi f'mira distanti.*

*Nota 2* *ML19 jinkludi li ġej meta ddisinjat apposta għal sistemi ta' armi b'enerġija diretta:*

*a. Ġenerazzjoni ta' qawwa primarja, ħażna ta' enerġija, iswiċċjar, kundizzjonar tal-qawwa jew tagħmir għall-maniġġ tal-fjuwil;*

*b. Akwiżizzjoni tal-mira jew sistemi ta' itrekkjar;*

*c Sistemi li jakapċi jeżaminaw ħsara, distruzzjoni jew l-missjoni-abort lill-mira;*

*d. Tagħmir għal maniġġar tar-raġġi, propogazzjoni jew ippuntar;*

*e. Tagħmir b'kapaċità ta' tidwir malajr tar-raġġ għal operazzjonijiet b'miri multipli rapidi;*

*f. Ottiċi adattivi u konjugaturi tal-fażi;*

*g. Injetturi tal-kurrent għal raggi tal-jioni negattivi tal-idroġenu;*

*h. Komponenti ta' aċċelleratur ta' 'spazju kwalifikat';*

*i. Tagħmir biex jillenbuta raġġ negattiv ta' joni;*

*j. Tagħmir biex jikkontrolla u jdawwar malajr raġġ ta' joni ta' enerġija għolja;*

*k. Fuljetti ta' 'spazju kwalifikat' biex jinnewtralizzaw raġġi ta' isotopi tal-idroġenu negattivi.*

ML20 **Tagħmir krijoġeniku u "superkonduttiv", kif ġej, u komponenti u aċċessorji maħsuba apposta għalih:**

a. Tagħmir imfassal apposta jew konfigurat biex ikun installat f'vettura għal applikazzjonijiet militari fuq l-art, fuq il-baħar, fl-ajru jew fl-ispazju, kapaċi li joperaw waqt li jkunu f'ċaqliq jew li jipproduċu jew iżommu temperaturi taħt il-103 K (- 170 °C);

<u>Nota</u> *ML20.a. jinkludi sistemi mobbli li jinkorporaw jew jużaw aċċessorji jew komponenti manifatturati minn materjali konduttivi non-metalliċi jew non-elettriċi, bħal plastiks jew materjali mimlijin bl-eposside.*

b. Tagħmir elettriku 'superkonduttiv' (makkinarju rotanti u trasformaturi) maħsub apposta jew konfigurat biex ikun installat f'vettura għal applikazzjonijiet militari fuq l-art, fuq il-baħar, fl-ajru jew fl-ispazju, u kapaċi li jopera waqt li jkunu f'ċaqliq.

<u>Nota</u> *ML20.b. ma japplikax għal ġeneraturi omopolari ibridi ta' kurrent dirett li għandhom armaturi tal-metall normali b'lasta waħda li jirrotaw f'għalqa manjetika prodotta b'tidwiriet superkonduttivi, jekk dawk it-tidwiriet huma l-uniċi komponenti superkonduttivi fil-ġeneratur.*

ML21 **'Software', kif ġej:**

a. "Software" iddisinjat apposta jew modifikat għall-'iżvilupp', 'produzzjoni' jew 'użu' ta' tagħmir, materjali jew 'software', speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE;

b. 'Software' speċifiku, minbarra dak speċifikat minn ML21.a., kif ġej:

1. 'Software' iddisinjat apposta għal użu militari u maħsub apposta għall-immudellar, l-istimulazzjoni u l-evalwazzjoni tas-sistemi tal-armi militari;

2. 'Software' iddisinjat apposta għal użu militari u ddisinjat apposta għall-immudellar jew l-istimulazzjoni tax-xenarji operazzjonali militari;

3. 'Software' għad-determinazzjoni tal-effetti ta' armi konvenzjonali, nukleari, kimiċi jew bijoloġiċi.

4. 'Software' iddisinjat apposta għall-użu militari u ddisinjat apposta għal Kmand, Komunikazzjonijiet, Kontroll u Intelligence ($C^3I$) jew applikazzjonijiet ta' Kmand, Komunikazzjonijiet, Kontroll, Kompjuter u Intelligence ($C^4I$);

c. 'Software', mhux speċifikat minn ML21.a., jew b., iddisinjat apposta jew modifikat biex jippermetti li tagħmir mhux speċifikat mil-Lista Militari Komuni tal-UE biex jaqdi l-funzjonijiet militari ta' tagħmir speċifikat mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

ML22 **'Teknoloġija' kif ġej:**

a. "Teknoloġija" barra minn dik speċifikata f'ML22.b., li hija "meħtieġa" għall-"iżvilupp" il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' oġġetti speċifikati mil-Lista Militari Komuni tal-UE.

b. 'Teknoloġija' kif ġej:

1. 'Teknoloġija' 'meħtieġa' għad-disinn ta', l-għaqda ta' komponenti fi, u l-operazzjoni, żamma fl-ordni u tiswija ta' installazzjonijiet ta' produzzjoni kompluti għal oġġetti speċifikati ilitari Komuni tal-Unjoni Ewropea, anke jekk il-komponenti ta' dawn l-installazzjonijiet ta' produzzjoni ma jkunux speċifikati

2. 'Teknoloġija' 'meħtieġa' għall-'iżvilupp' u l-'produzzjoni' ta' armamenti żgħar ukoll jekk użata biex tipproduċi riproduzzjonijiet ta' armamenti antiki żgħar;

3. 'Teknoloġija' 'meħtieġa' għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' aġenti tossikoloġiċi, tagħmir jew komponenti relatati speċifikati minn ML7.a. sa ML7.g..;

ML22 b. (*ikompli*)

4. 'Teknoloġija' 'meħtieġa' għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' 'bijopolimeri' jew kulturi ta' ċelloli speċifiċi speċifikati minn ML7.h.;

5. 'Teknoloġija' 'meħtieġa' esklussivament għall-inkorporazzjoni ta' 'bijokatalisti', speċifikati minn ML7.i.1., f'sustanzi vetturi militari jew materjal militari.

Nota 1 *'Teknoloġija' 'meħtieġa' għall-'iżvilupp', il-'produzzjoni' jew l-'użu' ta' oġġetti speċifikati fil-Lista Militari Komuni tal-Unjoni Ewropea jibqgħu taħt kontroll anke meta applikabbli għal kwalunkwe oġġett mhux speċifikat.*

Nota 2 *ML22 ma japplikax għal:*

a. *'Teknoloġija' li hija l-minimu meħtieġ għall-installazzjoni, operazzjoni, żamma fl-ordni (iċċekkjar) u tiswija ta' dawk l-oġġetti li ma humiex ikkontrollati jew li l-esportazzjoni tagħhom kienet awtorizzata;*

b. *'Teknoloġija' li hija 'fl-isfera pubblika', 'riċerka xjentifika bażika' jew l-informazzjoni minima meħtieġa għal applikazzjonijiet ta' brevett; ċ.*

c. *'Teknoloġija' għal induzzjoni manjetika għal propulsjoni kontinwa ta' tagħmir ta' trasport ċivili.*

## DEFINIZZJONIJIET TA' TERMINI UŻATI F'DIN IL-LISTA

Dawn li ġejjin huma definizzjonijiet ta' termini użati f'din il-Lista, f'ordni alfabetiku.

Nota 1 *Id-definizzjonijiet japplikaw matul il-Lista kollha. Ir-referenzi huma biss konsultattivi u ma għandhom l-ebda effett fuq l-applikazzjoni universali ta' termini definiti matul il-Lista kollha.*

Nota 2 *Il-kliem u t-termini li jinsabu f'din il-Lista ta' Definizzjonijiet jieħdu biss it-tifsira definita fejn din hija indikata billi jkunu 'bejn virgoletti doppji'. Definizzjonijiet ta' termini bejn 'virgoletti uniċi' huma mogħtija f'nota Teknika għall-punt rilevanti. F'istanzi oħrajn, il-kliem u t-termini jieħdu t-tifsiriet aċċettati komunement (dizzjunarju).*

ML7 **"Adattat għall-użu fi gwerra"**

Kull modifika jew selezzjoni (bħal alterazzjoni fil-purità, ħajja fuq l-ixkaffa, virulenza, karatteristiċi disseminattivi, jew reżistenza għal radjazzjoni UV) disinjati biex iżidu l-effettività fil-produzzjoni ta' bnedmin jew annimali mweġġgħin jew maqtulin, tagħmir degradanti jew li jagħmel ħsara lil għelejjel jew lill-ambjent.

ML8 **"Addittivi"**

Sustanzi użati f'formulazzjonijiet esplussivi biex itejbu l-proprjetajiet tagħhom.

ML8, ML9 u ML10 **"Inġenji tal-ajru"**

Ġewnaħ fiss, ġewnaħ b'ġometrija varjabbli, ġewnaħ rotanti (ħelikopter), rotor li jista' jinklina jew vettura għat-tajran b'ġewnaħ li jista' jinklina.

ML11 **"Sistemi Awtomatizzati ta' Kmand u Kontroll"**

Sistemi elettroniċi, li permezz tagħhom informazzjoni li hija essenzjali għall-operat effettiv tar-raggruppament, il-formazzjoni maġġuri, il-formazzjoni tattika, l-unità, il-bastiment, is-sotto-unità jew l-armi kkmandati tiddaħħal, tiġi pproċessata jew tiġi trasmessa. Dan jinkiseb permezz tal-użu ta' hardware tal-kompjuter u hardware ieħor iddisinjat biex jappoġġa l-funzjonijiet ta' organizzazzjoni militari ta' kmand u kontroll. Il-funzjonijiet ewlenin ta' sistema awtomatizzata ta' kmand u kontroll huma: il-ġbir awtomatizzat, il-kumulazzjoni, il-ħażna u l-ipproċessar effiċjenti ta' informazzjoni; il-preżentazzjoni tas-sitwazzjoni u ċ-ċirkostanzi li jaffettwaw it-tħejjija u t-twettiq tal-operazzjonijiet ta' ġlied; kalkoli operazzjonali u tattiċi għall-allokazzjoni ta' riżorsi fost ir-raggruppamenti tal-forza jew l-elementi tal-ordni operazzjonali tal-battalja jew l-iskjerament fil-battalja skont il-missjoni jew il-fażi tal-operazzjoni; it-tħejjija ta' data għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet fi kwalunkwe stadju matul l-operazzjoni jew il-battalja; is-simulazzjoni ta' operazzjonijiet permezz tal-kompjuter.

ML22 **"Riċerka xjentifika bażika"**

Xogħol sperimentali jew teoriku magħmul prinċipalment biex jintlaħaq tagħrif ġdid tal-prinċipji fundamentali ta' fenomeni jew fatti osservabbli, mhux primarjament dirett lejn skop prattiku jew objettiv speċifiku.

ML7 u 22 **"Bijokatalizzaturi"**

Enzimi għal reazzjonijiet kimiċi jew bijokimiċi speċifiċi jew komposti bijoloġiċi oħrajn li jingħaqdu ma' u jaċċelleraw id-degradazzjoni ta' aġenti CW.

Nota Teknika

*'Enzimi' tfisser 'bijokatalisti' għal reazzjonijiet kimiċi jew bijokimiċi speċifiċi.*

ML7 u 22 **"Bijopolimeri"**

Makromolekuli bijoloġiċi kif ġej:

a. Enzimi għal reazzjonijiet kimiċi jew bijokimiċi speċifiċi;

b. Antikorpi, monoklonali, poliklonali jew anti-idjotipiċi;

c. Riċetturi mfasslin apposta jew speċjalment ipproċessati;

Noti Tekniċi

1. *"Antikorpi antiidjotipiċi" tfisser antikorpi li jingħaqdu mas-siti ta' għaqda ta' antiġen speċifiku ta' antikorpi oħrajn;*

2. *"Antikorpi monoklonali" tfisser proteini li jingħaqdu ma' sit antiġeniku wieħed u huma prodotti minn klonu singolu ta' ċelloli;*

3. *"Antikorpi poliklonali" tfisser taħlita ta' proteini li jingħaqdu ma' sit antiġeniku speċifiku u huma prodotti minn aktar minn klonu wieħed ta' ċelloli;*

4. *"Riċetturi" tfisser strutturi makromolekulari bijoloġiċi kapaċi li jgħaqqdu l-ligands, u din l-għaqda taffetwa funzjonijiet fiżjoloġiċi.*

ML10 **"Inġenji tal-ajru ċivili"**

Dawk l-"ajruplani" elenkati skont id-disinjazzjoni f'listi ppubbikati ta' ċertfikazzjoni li turi li huma tajbin għat-titjir mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili biex itiru fuq rotot ċivili kummerċjali interni u esterni jew għal użu leġittimu ċivili, privat jew ta' negozju.

ML21 u 22 **"Żvilupp"**

Huwa relatat tal-istadji kollha qabel il-produzzjoni serjali, bħal: disinn, riċerka dwar disinn, analiżi tad-disinn, kunċetti tad-disinn, l-immontar u l-ittestjar ta' prototipi, skemi ta' produzzjoni ta' piloti, data tad-disinn, il-proċess tat-trasformazzjoni ta' data tad-disinn fi prodott, disinn ta' konfigurazzjoni, disinn ta' integrazzjoni, l-arranġamenti skont pjan.

ML17 **"Effetturi-tat-tmiem" ("end-effectors")**

Ħattafa, unitajiet attivi ta' għodda u kull għodda oħra li hija magħquda ma' baseplate fit-tarf ta' driegħ manipulatur "robot".

Nota Teknika

*'Unitajiet attivi ta' għodda' huma apparat biex tkun applikata qawwa motiva, enerġija ta' proċess jew issensjar ta' entità li jsir xogħol fuqha.*

ML4 u 8 **"Materjali enerġetiċi"**

Sustanzi jew taħlit li jirreaġixxu kimikament biex joħorġu enerġija rikjesta għall-applikazzjoni intenzjonata tagħhom. "Splussivi", "pirotekniċi" u "propellanti" huma subklassijiet ta' materjali enerġetiċi.

ML8 u 18 **"Splussivi"**

Sustanzi solidi, likwidi jew bħala gass jew taħlit ta' sustanzi li, fl-applikazzjoni tagħhom primarjament bħala booster jew iċċarġjar ewlieni f'applikazzjoni ta' testata, f'applikazzjoni għat-twaqqigħ jew applikazzjonijiet oħrajn, huma rikjesti li jiddetonaw.

ML7 **"Vektors ta' espressjoni"**

Ġarriera (eż. plasmid jew virus) użati biex ikun introdott materjal ġenetiku f'ċelloli li jilqgħu.

ML 17 **"Ċellula tal-fjuwil"**

Tagħmir elettrokimiku li jikkonverti l-enerġija kimika direttament f'Elettriku ta' Kurrent Dirett (DC) bil-konsum tal-karburant minn sors estern.

ML13 **"Materjali fibrużi jew filamentari"**

Jinkludu:

a. Monofilamenti kontinwi;

b. Nisġiet u rovings kontinwi;

c. Tapes, tessuti, tapiti żgħar random u malji tax-xagħar;

d. Fibri mqattgħin, fibri staple u kutri koerenti tal-fibra;

e. Whiskers, jew monokristallini jew polikristallini, ta' kwalunkwe tul;

f. Polpa poliamide aromatika.

ML15 **"Tubi intensifikaturi tal-immaġni tal-ewwel ġenerazzjoni"**

Tubi ffokati elettrostatikament, li jużaw plates għad-dħul u l-ħruġ tal-fibre optic jew b'wiċċ tal-ħġieġ, fotokatodi multialkalini (S-20 jew S-25), imma mhux amplifikaturi ta' plate mikrokanal.

ML22 **"Fl-isfera pubblika"**

Din tfisser "teknoloġija" jew "software" li huma disponibbli mingħajr restrizzjonijiet għal aktar disseminazzjoni.

*Nota:* *Restrizzjonijiet tal-copyright ma jneħħux lit-'teknoloġija' jew 'software' milli jibqgħu 'fl-isfera pubblika'.*

ML5 u 19 **"Lejżer"**

Għaqda ta' komponenti li jipproduċu kemm spazjalment u temporanjament dawl koerenti li huwa amplifikat b'emissjoni stimolata ta' radjazzjoni.

ML10 **"Veikoli eħfef mill-arja"**

Bżieżaq volanti u ajruplani ("airships") li jiddependu fuq arja sħuna jew gassijiet eħfef-mill-arja bħal elju jew idroġenu biex jitilgħu.

ML17 **"Reatturi Nukleari"**

Jinkludi l-oġġetti fi jew imwaħħlin direttament ma' reċipjent reattur, it-tagħmir li jikkontrolla l-livell ta' qawwa fil-qalba, u l-komponenti li normalment fihom jew jiġu f'kuntatt dirett ma' jew jikkontrollaw il-likwidu għat-tkessiħ primarju tal-qalba tar-reattur.

ML8 **"Prekursuri"**

Kimiċi ta' speċjalità użati fil-manifattura ta' splussivi.

ML21 u 22 **"Produzzjoni"**

Tfisser l-istadji kollha tal-produzzjoni, bħal: l-inġinerija, il-manifattura, l-integrazzjoni, l-immuntar, l-ispezzjoni, l-ittestjar, l-iżgurar tal-kwalità ta' prodott.

ML8 **"Propellanti"**

Sustanzi jew taħlit li jirreaġixxu kimikament biex jipproduċu volumi kbar ta' gassijiet jaħarqu f'rati kontrollati biex iwettqu xogħol mekkaniku.

ML4 u 8 **"Pirotekniku(iċi)"**

Taħlit ta' karburants solidi jew likwidi u ossidaturi li, meta jitqabbdu, jgħaddu minn reazzjoni enerġetika qawwija b'rata kontrollata intenzjonati biex jipproduċu dewmien speċifiċi fil-ħin, jew kwantitajiet ta' sħana, storbju, duħħan, dawl viżibbli jew radjazzjoni infra-ħamra. Il-piroforiċi huma subklassi tal-pirotekniċi, li ma jinkludux issidanti iżda jaqbdu spontanjament mal-kuntatt mal-arja.

ML22 **"Rikjest"**

Kif applikata għal "teknoloġija", tirreferi biss għal dak il-porzjon ta' "teknoloġija" li huwa pekuljarment responsabbli biex jilħaq jew jeċċedi l-livelli kontrollati ta' eżekuzzjoni, karatteristiċi jew funzjonijiet. "Teknoloġija""rikjesta" bħal din tista' tkun kondiviża bejn prodotti differenti.

ML7 **"Aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet"**

Sustanzi li, taħt il-kondizzjonijiet mistennijin tal-użu għal finijiet ta' kontroll tal-irvellijiet, jipproduċu rapidament fil-bnedmin irritazzjoni tas-sensi jew effetti fiżiċi li jiddiżabilitaw li jitilqu fi żmien qasir wara t-terminazzzjoni tal-espożizzjoni. Il-gassijiet tad-dmugħ huma subsett ta' "aġenti għall-kontroll tal-irvellijiet").

ML17 **"Robot"**

Mekkaniżmu għal manipulazzjoni, li jista' jkun tal-varjetà mogħdija kontinwa ("continuous path") jew punt-għal-punt, jista' juża sensorijiet, u għandu l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

a. Huwa multifunzjonali;

b. Huwa kapaċi li jippożizzjona jew jorjenta materjal, partijiet, għodod jew tagħmir speċjali permezz ta' movimenti varjabbli fi spazju tridimensjonali;

c. Jinkorpora tliet magħluqa jew miftuħa, jew iktar, li jistgħu jinkludu stepping motors; u

d. Għandu "programmabbiltà aċċessibbli għall-utent" permezz tal-metodu għallem/irrepeti jew permezz ta' kompjuter elettroniku li jista' jkun kontrollur tal-loġika programmabbli, jiġifieri mingħajr intervent mekkaniku.

Nota *Id-definizzjoni ta' hawn fuq ma tinkludix it-tagħmir li ġej:*

1. *Il-programm huwa limitat mekkanikament b'waqfiet iffissati, bħal pinnijiet jew kammijiet.*

2. *Mekkaniżmi ta' manipulazzjoni ta' sekwenza fissa li huma tagħmir awtomat li jiċċaqlaq, li jopera skont movimenti programmati mekkanikament delimitati. Il-programm huwa limitat mekkanikament b'waqfiet delimitati, bħal pinnijiet jew kammijiet. Is-sekwenza ta' ċaqliq u s-selezzjoni tal-mogħdijiet jew angoli ma humiex varjabbli jew li jistgħu jinbidlu b'mezzi mekkaniċi, elettroniċi jew elettriċi;*

3. *Mekkaniżmi ta' manipulazzjoni ta' sekwenza varjabbli mekkanikament ikkontrollati li huma tagħmir awtomat li jiċċaqlaq, li joperaw skont movimenti programmati mekkanikament delimitati. Il-programm huwa mekkanikament limitat b'waqfiet fissi, iżda aġġustabbli, bħal pinnijiet jew kammijiet. Is-sekwenza ta' ċaqliq u s-selezzjoni tal-mogħdijiet jew angoli huma varjabbli fi ħdan id-disinn ta' programm delimitat. Il-varjazzjonijiet u l-modifikazzjonijiet tad-disinn tal-programm (eż. bidliet fil-pinnijiet jew bdil ta' kammijiet) f'waħda jew aktar mill-assi taċ-ċaqliq jistgħu jsiru biss permezz ta' operazzjonijiet mekkaniċi;*

4. *Mekkaniżmi ta' manipulazzjoni ta' sekwenza varjabbli ikkontrollati-non-servo li huma tagħmir awtomat li jiċċaqlaq, li joperaw skont movimenti programmati mekkanikament delimitati. Il-programm huwa varjabbli imma s-sekwenza tipproċedi biss b'sinjal binarju minn tagħmir binarju elettroniku mekkanikament delimitat jew waqfiet aġġustabbli;*

5. *Krejnijiet stacker definiti bħala sistemi għall-manipulazzjoni tal-koordinati Kartesjani manifatturati bħala parti integrali ta' firxa vertikali ta' tankijiet għall-ħażna u ddisinjati biex jaċċessaw il-kontenuti ta' dawn it-tankijiet għal ħażna jew ġbir.*

ML21 **"Software"**

Kollezzjoni ta' wieħed jew aktar "programmi" jew "mikroprogrammi" delimitati fi kwalunkwe medju tanġibbli ta' espressjoni.

ML19 **"Spazju kwalifikat"**

Prodotti disinjati, immanifatturati u ttestjati biex jilħqu ħtiġiet elettriċi, mekkaniċi jew ambjentali speċjali għal użu fit-tlugħ u għar-regolamentazzjoni ta' satelliti jew sistemi tat-tajran ta' altitudni għolja li joperaw f'altitudnijiet ta' 100 km jew aktar.

ML18 u 20 **Superkonduttiv**

Jirreferi għal materjali (jiġifieri metalli, ligi jew komposti) li jistgħu jitilfu r-reżistenza elettrika kollha (jiġifieri li jistgħu jilħqu konduttività elettrika infinita u jġorru kurrenti elettriċi kbar ħafna mingħajr sħana Joule).

*Nota Teknika*

*L-istat 'superkonduttiv' ta' materjal huwa karatterizzat individwalment b"temperatura kritika', għalqa manjetika kritika, li hija funzjoni ta' temperatura, u densità ta' kurrent kritika li hija, madankollu, funzjoni kemm ta' għalqa manjetika kif ukoll ta' temperatura.*

ML22 **"Teknoloġija"**

Informazzjoni speċifika meħtieġa għall-"iżvilupp", il-"produzzjoni" jew l-"użu" ta' prodott. L-informazzjoni tieħu l-forma ta' data teknika jew assistenza teknika.

*Noti Tekniċi*

1. *'Data teknika' tista' tieħu forom bħal print blu, pjanijiet, dijagrammi, mudelli, formuli, tabelli, disinni u speċifikazzjonijiet tal-enġinjerija, manwali u istruzzjonijiet miktuba jew irrekordjato fuq medi oħra jew programmi bħal diska, tejp, memorji li jaqraw biss.*

2. *'Assistenza teknika' tista' tieħu l-forom bħal istruzzjoni, ħiliet, taħriġ, tagħrif tax-xogħol, servizzi ta' konsulenza. 'Assistenza teknika' tista' tinvolvi t-ttrasferiment ta' 'data teknika'.*

ML21 u 22 **"Użu"**

Operazzjoni, installazzjoni (inkluża installazzjoni fuq is-sit), manutenzjoni (iċċekkjar), tiswija, eżami birreqqa qabel tiswija u arranġament mill-ġdid."